**Il-Ħamis 7 ta' Lulju 2016**

P8_TA(2016)0318

# Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Lulju 2016 dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità b'riferiment partikolari għall-Osservazzjonijiet Konklużivi tal-Kumitat tan-NU dwar is-CRPD (2015/2258(INI))

(2018/C 101/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 9, 10, 19, 168 u 216(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikoli 2 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 3, 15, 21, 23 u 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (is-CRPD) tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dħul fis-seħħ tagħha fl-UE fil-21 ta' Jannar 2011 skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità ([1]),

— wara li kkunsidra l-Osservazzjonijiet Konklużivi tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità tat-2 ta' Ottubru 2015 dwar ir-rapport inizjali tal-Unjoni Ewropea ([2]),

— wara li kkunsidra l-Lista ta' kwistjonijiet adottati mill-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità tal-15 ta' Mejju 2015 b'rabta mar-rapport inizjali tal-Unjoni Ewropea ([3]),

— wara li kkunsidra l-Kodiċi ta' Kondotta bejn il-Kunsill, l-Istati Membri u l-Kummissjoni li jistabbilixxi arranġamenti interni għall-implimentazzjoni mill-Unjoni Ewropea kif ukoll ir-rappreżentanza tagħha relatata mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (CRC) tan-NU,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tan-NU għall-Kura Alternattiva tat-Tfal ([4]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 ([5]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol ([6]),

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi konġunti C-335/11 u C-337/11 *HK Danimarka*, u fil-kawżi C-363/12 Z u C-356/12 *Glatzel*,

([1]) ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35.
([2]) CRPD/C/EU/CO/1.
([3]) CRPD/C/EU/Q/1.
([4]) A/RES/64/142.
([5]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.
([6]) ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tat-28 ta' April 2015 mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2015-2019): 'Inżommu d-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tal-aġenda tal-UE'" (JOIN(2015)0016),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-2 ta' Diċembru 2015 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri fir-rigward tar-rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-prodotti u għas-servizzi (COM(2015)0615),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ġunju 2015 bit-titolu "Tweġiba tal-Unjoni Ewropea għal-lista ta' kwistjonijiet b'rabta mar-rapport inizjali tal-Unjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità" (SWD(2015)0127),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-5 ta' Ġunju 2014 tal-persunal tal-Kummissjoni bit-titolu "Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) mill-Unjoni Ewropea" (SWD(2014)0182),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ottubru 2011 bit-titolu "Inizjattiva ta' Negozju Soċjali: Il-ħolqien ta' klima favorevoli għall-intrapriżi soċjali, il-partijiet interessati ewlenin fl-ekonomija soċjali u l-innovazzjoni" (COM(2011)0682),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2010 bit-titolu "Strateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020: Impenn mill-Ġdid għal Ewropa Mingħajr Ostakoli" (COM(2010)0636),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar 2016 dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: Aspetti Soċjali u tal-Impjieg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2016 ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Settembru 2015 dwar il-ħolqien ta' suq tax-xogħol kompetittiv tal-UE għas-seklu 21: it-tlaqqigħ tal-ħiliet u l-kwalifiki mad-domanda u l-opportunitajiet ta' mpjieg, bħala mod kif nirkupraw mill-kriżi ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Settembru 2015 dwar l-intraprenditorija soċjali u l-innovazzjoni soċjali fil-ġlieda kontra l-qgħad ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Settembru 2015 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2013-2014) ([4]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2015 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji gwida għal politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-20 ta' Mejju 2015 tal-Parlament Ewropew dwar il-Lista ta' Kwistjonijiet adottata mill-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità b'rabta mar-rapport inizjali tal-Unjoni Ewropea ([6]),

---

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0059.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2015)0321.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2015)0320.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2015)0286.
([5]) Testi adottati, P8_TA(2015)0261.
([6]) Testi adottati, P8_TA(2015)0208.

**Il-Ħamis 7 ta' Lulju 2016**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2013 dwar l-impatt tal-kriżi fuq l-aċċess għall-kura tal-gruppi vulnerabbli ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar il-mobilità u l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità u l-Istrateġija Ewropea dwar id-Diżabilità 2010-2020 ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol ([3]),

— wara li kkunsidra l-analiżi fil-fond tas-Servizz ta' Riċerka Parlamentari Ewropew bit-titolu "L-implimentazzjoni tal-UE tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD)",

— wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli,

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Ombudsman Ewropew għall-2014,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew li tagħlaq l-inkjesta fuq inizjattiva proprja tagħha OI/8/2014/AN dwar il-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-2015 li ġej tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali,

— wara li kkunsidra l-istudju ta' Diċembru 2015 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali dwar "Il-vjolenza fuq tfal b'diżabilità: leġiżlazzjoni, politiki u programmi fl-UE",

— wara li kkunsidra l-istatistika dwar id-diżabilità tal-Eurostat tal-2014 dwar l-aċċess għas-suq tax-xogħol, l-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, u l-faqar u l-inugwaljanzi tad-dħul,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet, il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, il-Kumitat għall-Iżvilupp, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0203/2016),

A. billi, bħala ċittadini sħaħ, il-persuni b'diżabilità għandhom drittijiet ugwali u huma intitolati għal dinjità indiskutibbli, trattament ugwali, għajxien indipendenti, awtonomija, appoġġ minn sistemi ta' fondi pubbliċi u parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà;

B. billi huwa stmat li hemm madwar 80 miljun persuna b'diżabilità fl-Unjoni Ewropea, u li minn dawn madwar 46 miljun huma nisa u bniet, ammont li jirrappreżenta madwar 16 % tal-popolazzjoni totali tan-nisa fl-UE, fatt li juri li d-diżabilità fl-Unjoni Ewropea hija ogħla fost in-nisa milli fost l-irġiel; billi n-nisa b'diżabilità spiss ikunu vittmi ta' diskriminazzjoni multipla, iħabbtu wiċċhom ma' ostakli sostanzjali fit-twettiq tad-drittijiet u l-libertajiet bażiċi tagħhom bħad-dritt għall-aċċess għall-edukazzjoni u l-impjiegi, u billi dan jista' jwassal għal iżolazzjoni soċjali u trawmi psikoloġiċi; billi n-nisa jiġu wkoll affettwati b'mod sproporzjonat mid-diżabilità bħala indukraturi tal-membri tal-familja b'diżabilità;

C. billi t-TFUE jobbliga lill-Unjoni tiġġieled kull diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabilità meta jiġu ddefiniti u implimentati l-politiki u l-attivitajiet tagħha (l-Artikolu 10) u jagħti s-setgħa li tiġi adottata leġiżlazzjoni li tindirizza tali diskriminazzjoni (l-Artikolu 19);

---

([1]) ĠU C 75, 26.2.2016, p. 130.
([2]) ĠU C 131 E, 8.5.2013, p. 9.
([3]) ĠU C 212 E, 5.8.2010, p. 23.

D. billi l-Artikoli 21 u 26 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprojbixxu b'mod espliċitu d-diskriminazzjoni abbażi ta' diżabilità u jipprevedu l-parteċipazzjoni ugwali ta' persuni b'diżabilità fis-soċjetà;

E. billi s-CRPD huwa l-ewwel trattat internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem irratifikat mill-UE, li ġie ffirmat mit-28 Stat Membru u rratifikat minn 27 Stat Membru; billi l-Istat Membru li għadu ma għamilx hekk għandu jiffinalizza r-riformi tiegħu bl-għan li jiġi rratifikat is-CRPD;

F. billi din hi l-ewwel darba li l-UE ġiet immonitorjata minn korp tan-NU fit-twettiq tal-obbligi internazzjonali tagħha fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem; billi l-osservazzjonijiet konklużivi tas-CRPD tan-NU ippubblikati fl-2015 rigward l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni fl-UE bagħtu messaġġ qawwi dwar l-impenn tal-UE għall-ugwaljanza u għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u pprevedew sett ta' linji gwida għal miżuri leġiżlattivi u ta' tfassil ta' politika li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-UE;

G. billi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ssaħħaħ il-fatt li s-CRPD hija vinkolanti fuq l-UE u l-Istati Membri tagħha matul l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE, peress li s-CRPD hija "parti integrali mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni Ewropea" li għandha "supremazija fuq l-istrumenti tal-leġiżlazzjoni sekondarja" ([1]);

H. billi l-prinċipji tas-CRPD imorru ħafna lil hinn mid-diskriminazzjoni, billi juru t-triq lejn it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem mill-persuni kollha b'diżabilitajiet u mill-familji tagħhom, f'soċjetà inklussiva;

I. billi l-persuni b'diżabbiltajiet jikkostitwixxu grupp varjat, u billi n-nisa, it-tfal, in-nies aktar anzjani u l-persuni bi ħtiġijiet ta' appoġġ kumplessi jiffaċċjaw diffikultajiet addizzjonali u bosta forom ta' diskriminazzjoni;

J. billi d-diżabilità tista' tiġi kkawżata minn degradazzjoni gradwali u xi kultant inviżibbli tal-istat tas-saħħa ta' individwu, kif inhu fil-każ ta' persuni b'mard newrodeġenerattiv jew rari, li jista' jkollu effetti negattivi fuq il-ħajja indipendenti ta' tali persuna;

K. billi madwar 80 % tal-persuni b'diżabilità jgħixu f'pajjiżi li qed jiżviluppaw; billi l-UE tappoġġa l-promozzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità fil-livell internazzjonali, u hija l-akbar donatur fid-dinja tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA);

L. billi t-tfal b'diżabilità huma 17-il darba aktar probabbli li jgħixu f'istituzzjoni minn sħabhom mingħajr diżabilità, fejn ir-riskju ta' vjolenza, negliġenza u abbuż huwa ħafna ogħla milli kieku jgħixu d-dar ([2]);

M. billi t-tfal b'diżabilità għandhom id-dritt li jgħixu mal-familja tagħhom jew f'ambjent tal-familja li jkun għall-aħjar interess tagħhom; billi membri tal-familja spiss ikollhom inaqqsu jew iwaqqfu l-attivitajiet professjonali tagħhom biex jieħdu ħsieb membri tal-familja b'diżabilità;

N. billi l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità tenfasizza l-ħtieġa li tiġi inkorporata perspettiva tal-ġeneri fl-isforzi kollha u li tiġi promossa t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali;

---

([1]) QtĠ, il-Kawżi Magħquda C-335/11 u C-337/11 tal-11 ta' April 2013, *HK Danmark*, paragrafi 29-30; QtĠ, Kawża C-363/12 Z, 18 ta' Marzu 2014, paragrafu 73; QtĠ, Kawża C-356/12 *Glatzel*, 22 ta' Mejju 2014, paragrafu 68.

([2]) Rapport tal-FRA: Vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità: leġiżlazzjoni, politiki u programmi fl-UE (http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra_uploads/fra-2015-violence-against-children-with-disabilities_en.pdf)

**Il-Ħamis 7 ta' Lulju 2016**

O. billi t-trattament ugwali u miżuri u politiki pożittivi għan-nisa b'diżabilità u l-ommijiet ta' tfal b'diżabilità huma dritt tal-bniedem fundamentali u obbligu etiku;

P. billi n-nisa u l-bniet b'diżabilità huma esposti għal diversi dimensjonijiet ta' diskriminazzjoni fil-ħajja tagħhom ta' kuljum; din tista' tieħu diversi forom – fiżika, emozzjonali, sesswali u ekonomika – u tinkludi l-vjolenza domestika, il-vjolenza min-naħa ta' persuni li jagħtu l-kura, il-vjolenza sesswali u l-vjolenza istituzzjonali;

Q. billi n-nisa b'diżabilità għandhom probabilità akbar li jbatu minn vjolenza domestika u attakki sesswali li allegatament idumu aktar u huma aktar intensi milli għan-nisa mingħajr diżabilità ([1]);

R. billi n-nisa b'diżabilità, speċjalment il-migranti, huma f'riskju akbar ta' faqar u esklużjoni soċjali minħabba d-diskriminazzjoni multipla;

S. billi d-diżabilità hija kawża u tista' tkun konsegwenza tal-faqar u madwar 30 % tal-popolazzjoni ta' persuni mingħajr dar għandhom diżabilità u jinsabu f'riskju li jiġu injorati ([2]); billi l-ħarsien soċjali pprovdut mill-istat b'mod partikolari għandu rwol sinifikanti fil-prevenzjoni tal-faqar fost il-persuni b'diżabilità u billi, skont data tal-2012, madwar 68,5 % tal-persuni b'diżabilità jgħixu fil-faqar kieku ma kienx għall-kontributi soċjali li jirċievu mill-istat ([3]);

T. billi huwa imperattiv li jiġu infurzati l-liġijiet eżistenti tal-UE u l-għodod tal-politika sabiex isir użu massimu mill-implimentazzjoni tas-CRPD;

U. billi għadd ta' Stati Membri li rratifikaw is-CRPD għad iridu jistabbilixxu jew jinnominaw il-korpi għall-implimentazzjoni u s-sorveljanza tal-Konvenzjoni skont l-Artikolu 33 tagħha; billi l-ħidma ta' dawn il-korpi diġà stabbiliti, b'mod partikolari l-monitoraġġ skont l-Artikolu 33(2), qed tixxekkel min-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji u umani, u n-nuqqas ta' bażi legali soda għan-nomina tagħhom;

V. billi wieħed mill-aktar pilastri fundamentali għal persuni b'diżabilità hija l-parteċipazzjoni u l-aċċess għas-suq tax-xogħol, li għadha problematika, b'58,5 % meta mqabbla mat- 80,5 % tal-persuni mingħajr diżabilità, u b'hekk ħafna persuni b'diżabilità jixxekklu milli jgħixu ħajja attiva u indipendenti;

W. billi r-rata ta' impjieg għan-nisa bla diżabilità hija 65 %, meta mqabbla ma' 44 % għan-nisa b'diżabilità; billi n-nisa b'diżabilità ta' spiss jiġu ddiskriminati meta mqabbla mal-irġiel b'diżabilità f'dak li jirrigwardja l-aċċess għall-impjiegi u l-edukazzjoni; billi r-rata għolja tal-qgħad fost il-persuni b'diżabilità għadha inaċċettabbli; billi n-nisa u l-bniet b'diżabilità jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet ikbar biex jidħlu fis-suq tax-xogħol; billi l-ostakli għall-mobilità u d-dipendenza akbar fuq il-membri tal-familja u fuq l-indukraturi tagħhom jeħtieġ li jingħelbu sabiex titheġġeġ il-parteċipazzjoni attiva tan-nisa b'diżabilità fl-edukazzjoni, fis-suq tax-xogħol u fil-ħajja soċjali u ekonomika tal-komunità;

X. billi l-impjieg imħallas huwa essenzjali biex il-persuni b'diżabilità jkun jista' jkollhom ħajja indipendenti u jkunu jistgħu jappoġġaw il-familji u d-djar tagħhom; billi n-nisa u l-bniet b'diżabilità spiss jitħallsu inqas milli jistħoqilhom; billi dan il-grupp ta' nies vulnerabbli hu aktar suxxettibbli li jbati mill-faqar u jinsab f'riskju akbar ta' esklużjoni soċjali;

Y. billi l-UE, bħala parti mis-CRPD, għandha d-dmir li tiżgura l-involviment mill-qrib u l-parteċipazzjoni attiva tal-persuni b'diżabilità u tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-politiki fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u fil-proċessi kollha ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw kwistjonijiet marbuta mal-persuni b'diżabilità;

---

([1]) Rapport tal-FRA, Vjolenza kontra n-nisa: stħarriġ mal-UE kollha. Riżultati ewlenin: http://fra.europa.eu/sites/default/files/fra-2014-vaw-survey-main-results-apr14_en.pdf

([2]) Van Straaten *et al.* (2015). Ħtiġijiet ta' kura rrappurtati minn persuni Netherlandiżi mingħajr dar li għandhom jew m'għandhomx diżabilità intellettwali ssuspettata: studju ta' segwitu ta' 1,5 sena. F': Health Soc Care Community 2015 Ottubru 1. Epub, 2015 Ottubru 1.

([3]) EU-SILC 2012.

Z. billi l-miżuri ta' awsterità applikati mill-Istati Membri rriżultaw fi tnaqqis fis-servizzi soċjali, fl-appoġġ għall-familji u fis-servizzi bbażati fil-komunità u kkawżaw effetti negattivi sproporzjonati fuq il-livell ta' għajxien tal-persuni b'diżabilità, b'mod partikolari t-tfal b'diżabilità u l-familji tagħhom;

AA. billi l-Kummissjoni rtirat il-proposta tagħha għad-Direttiva dwar il-Leave tal-Maternità;

AB. billi d-Direttiva 2011/24/UE dwar id-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali ma tipprojbixxix b'mod espliċitu d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' diżabilità;

AC. billi, minħabba t-tibdil demografiku u soċjali, hemm domanda akbar għal ħaddiema domestiċi u indukraturi, u b'mod partikolari għal ħaddiema domestiċi u indukraturi għall-familji; billi l-indukrar tal-persuni b'diżabilità u tal-persuni dipendenti normalment isir min-nisa fil-familja, u dan spiss iwassalhom għall-esklużjoni mis-suq tax-xogħol;

AD. billi lill-Kumitat għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità fl-Osservazzjonijiet Konklużivi tiegħu dwar ir-rapport inizjali tal-Unjoni Ewropea jirrakkomanda li l-Unjoni Ewropea tintegra l-perspettiva tad-diżabilità fil-politiki u l-programmi tagħha dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll il-perspettiva tal-ġeneri fl-istrateġiji tagħha dwar id-diżabilità, u li tiżviluppa azzjonijiet pożittivi, tistabbilixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ u finanzjament għall-ġbir tad-data u għar-riċerka dwar in-nisa u l-bniet b'diżabilità; billi jirrakkomanda wkoll li l-Unjoni Ewropea tipprovdi protezzjoni effettiva mill-vjolenza, l-abbuż u l-isfruttament, li l-politika dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tindirizza l-bżonnijiet tat-tfal u l-adulti b'diżabilità, inklużi tal-indukraturi tagħhom, u li jittieħdu miżuri biex jitnaqqsu r-rati għoljin ta' qgħad fost il-persuni b'diżabilità, li fil-maġġoranza tagħhom huma nisa;

AE. billi, fir-reazzjonijiet tagħha għar-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-27 ta' Settembru 2011 dwar "L-Ewropa, l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja – qafas politiku ġdid għat-turiżmu Ewropew" [1], li ġiet adottata mill-Kummissjoni fit-13 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni rrikonoxxiet il-ħtieġa li tiġi żgurata katina mingħajr interruzzjoni ta' servizzi aċċessibbli għal kulħadd (trasport, akkomodazzjoni, kejtering u attrazzjonijiet), u, għal dan l-għan, hija bdiet timplimenta azzjonijiet biex titqajjem kuxjenza, jittejbu l-ħiliet fis-settur tat-turiżmu u fl-aħħar mill-aħħar tiżdied il-kwalità tal-faċilitajiet turistiċi għal dawk bi bżonnijiet speċjali jew b'diżabilitajiet;

AF. billi l-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità, b'diversità funzjonali u b'mobilità mnaqqsa fl-oqsma tat-trasport, il-mobilità u t-turiżmu jitqabblu ma' opportunitajiet ta' innovazzjoni kummerċjali għas-servizzi tat-trasport u l-mobilità u jistgħu jwasslu għal sitwazzjonijiet fejn kulħadd jirbaħ f'li jaqdu l-persuni b'kull tip ta' diżabilità (inklużi, iżda mhux limitati għal, persuni b'mobilità mnaqqsa (PMM), nies neqsin mid-dawl, persuni torox u b'diffikultajiet ta' smigħ, persuni bl-awtiżmu u persuni b'diżabilitajiet intellettwali jew psikosoċjali) kif ukoll l-utenti l-oħra kollha ta' dawn is-servizzi, fl-ispirtu ta' "disinn għal kulħadd";

***Prinċipji ġenerali u obbligi***

1. Ifakkar li l-inklużjoni sħiħa tal-persuni b'diżabilità mhix biss dritt u benefiċċju mistħoqq għall-individwi kkonċernati, imma wkoll ass għas-soċjetà b'mod ġenerali peress li din tibbenefika mill-valur u l-ħiliet differenti li dawn il-persuni jġibu magħhom;

2. Jissottolinja li l-persuni kollha b'diżabilità għandhom id-dritt li jgħixu f'soċjetà li fiha jgawdu l-opportunitajiet indaqs flimkien mal-oħrajn, biex b'hekk tiġi żgurata l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà;

3. Jenfasizza l-fatt li l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità fis-soċjetà, irrispettivament mill-istatus soċjoekonomiku, politiku jew kulturali ta' pajjiż, mhijiex biss kwistjoni ta' żvilupp iżda anke ta' drittijiet tal-bniedem;

4. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li d-diżabilitajiet qed isiru dejjem aktar komuni hekk kif il-popolazzjoni tixjieħ;

(1) ĠU C 56 E, 26.2.2013, p. 41.

**Il-Ħamis 7 ta' Lulju 2016**

5. Iqis li l-UE għandha tkun minn ta' quddiem nett fir-rigward tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-promozzjoni tagħhom; jilqa' l-fatt li, għall-ewwel darba, it-twettiq tal-obbligi internazzjonali tal-UE fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem ġie rieżaminat minn korp tat-trattat tan-NU; jikkunsidra li l-osservazzjonijiet konklużivi tal-Kumitat tan-NU dwar is-CRPD dwar l-implimentazzjoni tas-CRPD min-naħa tal-UE, ippubblikati fl-2015, jirrappreżentaw sinjal importanti tal-impenn tal-UE lejn l-ugwaljanza u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u joffru gwida għal azzjonijiet leġiżlattivi u politiċi fl-isfera kollha ta' kompetenza tal-UE;

6. Jappoġġa l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u jenfasizza l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jintegraw il-perspettiva tan-nisa u l-bniet b'diżabilità fil-politiki, il-programmi u l-istrateġiji tagħhom dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, u l-perspettiva tal-ġeneri fl-istrateġiji tagħhom dwar id-diżabilità; jitlob, ulterjorment, li jiġu stabbiliti mekkaniżmi biex jiġi revedut regolarment il-progress li jkun sar;

7. Jitlob lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jimplimentaw bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u biex jiżguraw li l-Konvenzjoni tiġi rispettata fil-leġiżlazzjonijiet futuri kollha.

8. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw ir-riżorsi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom skont is-CRPD u l-Protokoll Fakultattiv tiegħu;

9. Jiddispjaċih ħafna li ma kienx hemm biżżejjed konsultazzjoni formali mill-UE ma' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità fit-tħejjijiet tagħha għall-proċess ta' rieżami mill-Kumitat tan-NU dwar is-CRPD fl-2015 u fl-abbozz tar-rapport ta' progress tagħha; jitlob li l-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità jieħdu sehem attiv fil-laqgħat tas-CPRD bħala parti indipendenti inkluż billi jieħdu sehem f'delegazzjonijiet uffiċjali tal-UE għal rieżamijiet futuri;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tikkonsolida u tagħmel proposta għal djalogu strutturat ġenwin bejn l-UE u l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-persuni b'diżabilitajiet, inklużi fondi xierqa sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa u ugwali minn persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom;

11. Jenfasizza l-importanza ta' konsultazzjoni sistematika u mill-qrib bejn l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-persuni b'diżabilità, dawk li jfasslu l-politiki, in-negozji u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra fir-rigward tal-inizjattivi l-ġodda kollha, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-politiki u l-azzjonijiet relatati mal-edukazzjoni, it-taħriġ, il-kultura, l-isport u ż-żgħażagħ;

12. Jappella għat-tisħiħ tal-entitajiet eżistenti li jaħdmu favur l-ugwaljanza sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni, il-promozzjoni u l-monitoraġġ tas-CRPD; ifakkar lill-UE u lill-Istati Membri tagħha dwar ir-rekwiżit li jimpenjaw ruħhom b'mod sinifikanti mas-soċjetà ċivili u, b'mod partikolari, ma' organizzazzjonijiet ta' persuni b'diżabilità;

13. Jitlob lill-UE biex tirratifika l-Protokoll Fakultattiv għas-CRPD;

14. Iħeġġeġ li jsiru reviżjoni u evalwazzjoni komprensivi u trasversali tal-leġiżlazzjoni eżistenti u futura tal-UE u tal-programmi ta' finanzjament, inklużi perjodi ta' programmar futuri, bl-għan li jkun hemm konformità sħiħa mas-CRPD billi, b'mod kostruttiv, jiġu involuti l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw persuni b'diżabilità u l-membri tal-Qafas tal-UE għas-CRPD (minn hawn 'il quddiem il-"Qafas tal-UE"), inkluż l-integrazzjoni tad-diżabilità fil-politiki u strateġiji ta' leġiżlazzjoni kollha; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jintegraw id-diżabilità fil-leġiżlazzjoni, fil-politiki u fl-istrateġiji kollha;

15. Jitlob għall-inklużjoni tad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità fl-aġenda soċjoekonomika globali tal-UE, b'mod partikolari l-Istrateġija Ewropa 2020 u s-Semestru Ewropew; jirrakkomanda l-adozzjoni ta' Patt għad-Diżabilità biex jiġi żgurat li d-drittijiet ta' persuni b'diżabilità jiġu integrati permezz ta' inizjattivi tal-UE;

16. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, meta tkun qed tevalwa s-sitwazzjoni soċjali tal-Istati Membri (rapporti għal kull pajjiż u rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż), tiffoka wkoll fuq il-monitoraġġ tas-sitwazzjoni ta’ persuni b’diżabilità bħala parti mill-impenn komuni tal-UE favur il-bini ta’ Ewropa mingħajr ostakli;

17. Jemmen li l-istituzzjonijiet tal-UE, b’mod partikolari l-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni, għandhom jimpenjaw ruħhom biex jiżguraw li l-leġiżlazzjoni eżistenti u futura kollha tkun verifikata abbażi tad-drittijiet tal-bniedem u taderixxi għal kollox mas-CRPD;

18. Jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi lista ta’ leġiżlazzjoni bl-għan li tipproponi aġġornament tad-dikjarazzjoni ta’ kompetenza fid-dawl tal-Osservazzjonijiet Konklużivi, li għandu jerġa’ jsir perjodikament bil-parteċipazzjoni formali tal-organizzazzjonijiet tad-diżabilitajiet u tal-Parlament Ewropew;

19. Jistieden lill-Kummissjoni tqis, f’dan ir-rigward, il-bżonn li jiġi żviluppat qafas tal-UE li jiggarantixxi l-implimentazzjoni effettiva tad-drittijiet tal-persuni b’diżabilità, il-promozzjoni tal-awtonomija personali tagħhom, l-aċċessibilità, l-aċċess għall-impjieg, l-inklużjoni soċjali u l-ħajja indipendenti, u l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta’ diskriminazzjoni;

20. Jikkondividi t-tħassib tal-Kumitat tan-NU dwar is-CRPD b’rabta man-nuqqas ta’ strateġija ċara min-naħa tal-Unjoni Ewropea għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabilità;

21. Jistieden lill-istituzzjonijiet biex jieħdu azzjoni b’mod eżemplari fir-rigward tal-politika ta’ integrazzjoni;

22. Jistieden lill-Kummissjoni tuża r-reviżjoni tal-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità biex tiżviluppa partenarjat komprensiv miftuħ għad-dimensjoni tas-sessi fl-istrateġija tal-UE tas-CRPD, inklużi għall-impenji ta’ azzjoni esterna bi skeda ċara għall-implimentazzjoni, u punti ta’ riferiment u indikaturi speċifiċi u preċiżi;

23. Jiddeplora d-diskriminazzjoni u l-esklużjoni li l-persuni b’diżabilità għad iridu jħabbtu wiċċhom magħhom illum; jistieden lill-Kummissjoni timmassimizza s-sinerġiji bejn l-Istrateġija tal-UE dwar id-Diżabilità 2010 – 2020 u d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta’ Kull Forma ta’ Diskriminazzjoni kontra n-Nisa tan-NU u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal bl-għan li jiġi żgurat li d-drittijiet rikonoxxuti jitgawdew b’mod sostanzjali u jiġu effettivament eżerċitati, inkluż permezz tal-armonizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-qafas leġiżlattiv u permezz ta’ azzjoni kulturali u politika;

24. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi kjarifika dwar id-definizzjoni wiesgħa ta’ diżabilità fil-livell tal-UE;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-Gwida għall-Kunsiderazzjonijiet Soċjali fl-Akkwist Pubbliku biex tenfasizza l-obbligi soċjali, iżda biex tindika wkoll l-opportunitajiet u l-benefiċċji tal-investiment f’servizzi ta’ appoġġ bi kwalità għolja għal persuni b’diżabilità;

26. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-linji gwida għall-valutazzjoni tal-impatt u timmodifikahom biex jinkludu lista aktar komprensiva ta’ kwistjonijiet biex tivvaluta aħjar il-konformità mal-Konvenzjoni;

***Drittijiet speċifiċi***

27. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jieħdu miżuri biex jiġġieldu l-forom kollha ta’ diskriminazzjoni, inklużi d-diskriminazzjoni multipla, id-diskriminazzjoni b’assoċjazzjoni u intersezzjonali abbażi tad-diżabilità, b’mod speċjali għan-nisa u t-tfal b’diżabilità, persuni anzjani u individwi li għandhom bżonnijiet ta’ appoġġ kumplessi, inklużi dawk b’diżabilitajiet intellettwali u psikosoċjali u dawk li d-diżabilitajiet tagħhom jinbidlu maż-żmien;

28. Jiddeplora bil-qawwa l-fatt li l-Kunsill għadu m’adottax il-proposta għal direttiva tal-2008 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni, irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali; itenni t-talba tiegħu lill-Kunsill biex jagħmel dan mill-aktar fis possibbli;

**Il-Ħamis 7 ta' Lulju 2016**

29. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex jintegraw id-drittijiet tan-nisa u t-tfal b'diżabilità, inkluż Aġenda dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u biex jiżguraw li s-subien u l-bniet u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom jiġu kkonsultati fuq il-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw lit-tfal, permezz ta' assistenza xierqa skont l-età u d-diżabilità tagħhom;

30. Jenfasizza li, biex tiġi garantita l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal b'diżabilità, huwa meħtieġ li jingħata appoġġ xieraq lill-familji tagħhom billi jissaħħu u jkompli jsir xogħol fuq l-istrumenti leġiżlattivi disponibbli għall-UE, bħal pereżempju l-istrument li jipprovdi liv tal-ġenituri għal dawk il-ġenituri bi tfal b'diżabilità;

31. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-persuni kollha b'diżabilità jkunu jistgħu jgawdu mid-dritt ta' moviment liberu li għandhom iċ-ċittadini kollha tal-UE billi fil-leġiżlazzjoni attwali u futura tinkludi l-garanzija ta' opportunitajiet indaqs, drittijiet fundamentali, aċċess ugwali għas-servizzi u għas-suq tal-impjiegi, u l-istess drittijiet u obbligi fl-aċċess għas-sigurtà soċjali bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru li fih ikunu koperti, bi qbil mal-prinċipju ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni; jistieden, barra minn hekk, lill-Istati Membri, f'termini ta' ugwaljanza fl-impjiegi, jikkonformaw bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-UE dwar it-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa (tfassil mill-ġdid) (2006/54/KE);

32. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġati l-bniet u n-nisa migranti b'diżabilità sabiex dawn jiżviluppaw ħiliet li jagħtuhom opportunitajiet biex jiksbu impjieg xieraq;

33. Jenfasizza li sabiex tinkiseb ħajja awtonoma u indipendenti għall-persuni b'diżabilità, speċjalment għan-nisa, l-assistenza (personali jew pubblika) hija mezz li jappoġġa lilhom u lill-familji tagħhom, billi jagħmilha possibbli li dawn ikollhom aċċess għal postijiet tax-xogħol u istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u jappoġġahom f'każ ta' tqala u maternità;

34. Itenni l-ħtieġa urġenti li tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet b'diżabilità fl-ambjenti privati u istituzzjonali, u jistieden lill-Istati Membri jipprovdu servizzi ta' appoġġ li jkunu aċċessibbli għan-nisa u l-bniet b'kull tip ta' diżabilità; jirrakkomanda li l-UE ssir parti mill-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) bħala pass ulterjuri fil-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet b'diżabilità;

35. Ifakkar fl-importanza tad-dritt fundamentali li l-persuni b'diżabilità jipparteċipaw fil-proċessi ta' politika u fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar id-diżabilità fil-livelli kollha, kif enfasizzat mis-CRPD; jenfasizza li n-nisa u l-bniet b'diżabilità, inklużi dawk minn gruppi emarġinati u dawk vulnerabbli li jħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni multipla, għandhom jiġu abilitati u mogħtija s-setgħa biex jipparteċipaw fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex ikun żgurat li l-interessi u d-drittijiet tagħhom jiġu espressi, appoġġati u protetti, filwaqt li tiġi żgurata perspettiva tal-ġeneru ġenwina fil-livell lokali; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu servizzi u faċilitajiet adattati adegwatament li jsaħħu l-pożizzjoni tagħhom fl-involiment u l-parteċipazzjoni attiva tagħhom, u biex jinvestu f'teknoloġiji assistivi u adattabbli u fl-inklużjoni elettronika;

36. Jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE jieħdu miżuri effikaċi sabiex isaħħu l-ħajjiet tan-nisa b'diżabilità skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tan-NU dwar is-CRPD fir-rigward tar-rieżami tal-implimentazzjoni tas-CRPD min-naħa tal-UE;

37. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li t-trobbija tat-tfal b'diżabilità hija kompitu li jaqa' prinċipalment fuq in-nisa;

38. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jqajmu kuxjenza dwar is-CRPD u jiġġieldu kontra l-preġudizzji u jippromwovu fehim aħjar tal-persuni kollha b'diżabilità sabiex id-deċiżjonijiet jittieħdu abbażi tal-ħtiġijiet reali tagħhom;

**Il-Ħamis 7 ta' Lulju 2016**

39. Jappoġġa l-inizjattivi mmirati sabiex jagħmlu lis-soċjetà konxja tad-diffikultajiet li jġarrbu l-persuni b'diżabilità u li huma mmirati wkoll sabiex jagħmlu lill-persuni b'diżabilità aktar konxji tal-potenzjal tagħhom u tal-kontributi li jistgħu jagħmlu, fost affarijiet oħra, permezz ta' programmi edukattivi speċifiċi fl-iskejjel; jenfasizza li l-importanza tas-CRPD fundamentalment tinsab f'li tinġieb bidla fl-attitudnijiet kulturali billi jiġi rikonoxxut li huma l-ostakli fl-ambjent soċjali u dak ekonomiku li fil-fatt iġibu lin-nies fi stat ta' diżabilità aktar milli d-diżabilità fil-persuna;

40. Jitlob lill-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri biex iħejju strateġiji ta' sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabilità, jiffaċilitaw it-taħriġ tal-persunal fit-trasport u t-turiżmu f'sensibilizzazzjoni u b'rabta mal-ugwaljanza tad-diżabilità, u jinkoraġġixxu l-kollaborazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajba fost organizzazzjonijiet Ewropej li jaħdmu fil-qasam tad-diżabilità u korpi pubbliċi u privati responsabbli mit-trasport; iħeġġeġ li l-materjal ta' taħriġ ikun disponibbli wkoll f'formati aċċessibbli;

41. Jenfasizza li l-impjegati tal-kumpaniji tal-ajru għandhom jingħataw taħriġ rigoruż sabiex il-linji tal-ajru jkunu jistgħu jipprovdu servizzi adegwati għal persuni b'diżabilità; jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni partikolari biex ikun żgurat li l-persunal ikun jista' juża s-siġġijiet tar-roti mingħajr ma jagħmlilhom ħsara;

42. Jilqa' l-proposta għal Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità [1] u huwa impenjat li jiġi adottat malajr bil-ħsieb li tiġi żgurata l-aċċessibilità ta' prodotti u servizzi, inkluż il-bini li fih huma pprovduti dawn is-servizzi, flimkien ma' mekkaniżmi ta' infurzar u lmenti nazzjonali effettivi u aċċessibbli; ifakkar li huwa meħtieġ approċċ komprensiv għall-aċċessibilità u għal miżuri biex jiġi ggarantit li dawk b'kwalunkwe forma ta' diżabililtà jgawdu minn dan id-dritt skont l-Artikolu 9 tas-CRPD;

43. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi adottat l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità, li huwa strumentali biex jindirizza l-kwistjonijiet kollha relatati mal-aċċessibilità tal-PMM fl-oqsma tat-trasport, il-mobilità u t-turiżmu, u jiġi żgurat li s-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bl-ajru, bix-xarabank, bil-ferrovija u fuq l-ilma, speċjalment fir-rigward tal-possibilità ta' aċċess fuq l-istazzjonijiet pubbliċi kollha u ferroviji taħt l-art u l-ferroviji, websajts, servizzi bbażati fuq apparat mobbli, Smart Ticketing u informazzjoni f'ħin reali, u t-terminals self-service, magni tal-biljetti u magni tar-reġistrazzjoni użati għall-forniment ta' servizzi tat-trasport tal-passiġġieri jkunu kompletament aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità;

44. Jirrikonoxxi li n-negozji ż-żgħar u ta' daqs medju se jibbenefikaw meta jikkonformaw ma' rekwiżiti standard tal-UE, minflok ma jkollhom jadattaw għal regoli nazzjonali diverġenti; jiddispjaċih, madankollu, li prodotti u servizzi turistiċi tat-turiżmu ta' natura transkonfinali ma jaqgħux taħt il-proposta għal Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità; jenfasizza li ma ttiħdux aktar azzjonijiet fil-livell tal-UE fir-rigward tal-faċilitajiet u s-servizzi tat-turiżmu sabiex gradwalment tiġi armonizzata klassifikazzjoni tal-lukandi, filwaqt li jitqiesu l-kriterji tal-aċċessibilità;

45. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu aktar biex jippromwovu r-riċerka u l-iżvilupp, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċessibilità ta' teknoloġiji ġodda u innovattivi għall-persuni b'diżabilità;

46. Jistieden lill-Kummissjoni, meta tipprepara atti leġiżlattivi futuri f'oqsma rilevanti, pereżempju fl-aġenda diġitali, tqis il-fatt li l-aċċessibilità hija importanti fl-ambjent fiżiku hekk kif inhi fl-ICT;

47. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, meta japplikaw il-prinċipju tal-aċċessibilità, jiżguraw l-applikazzjoni tad-"diżinn universali" għall-proġetti ta' bini eżistenti u ġodda, postijiet tax-xogħol u, b'mod partikolari, bini pubbliku, pereżempju l-bini tal-iskejjel iffinanzjati minn fondi pubbliċi;

[1] COM(2015)0615.

**Il-Ħamis 7 ta' Lulju 2016**

48. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaħdmu mal-Parlament biex jaslu, b'mod ċar u effettiv, għal direttiva dwar l-aċċessibilità tas-siti web tal-entitajiet tas-settur pubbliku, b'ambitu wiesa' u mekkaniżmu b'saħħtu ta' infurzar skont il-proposta għal Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità u s-CRPD, sabiex tiżgura li 80 miljun persuna b'diżabilitajiet u 150 miljun anzjan fl-UE jgawdu minn aċċess ugwali għal siti web u servizzi pubbliċi online;

49. Jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, jiżguraw li n-numru ta' emerġenza 112, disponibbli fl-UE kollha, ikun aċċessibbli bis-sħiħ, bl-użu tal-aktar teknoloġija moderna u affidabbli fil-livell nazzjonali u fir-roaming, b'mod partikolari għal ċittadini torox u b'diffikultajiet ta' smigħ, u b'hekk jiġu evitati mwiet u korrimenti bla bżonn; jenfasizza l-ħtieġa għall-implimentazzjoni ta' miżuri fil-livell nazzjonali, *inter alia* biex tiġi żgurata l-kompatibilità madwar l-Istati Membri, inklużi punti ta' emerġenza aċċessibbli fil-livell nazzjonali;

50. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li s-servizzi tas-saħħa elettroniċi u mobbli, l-applikazzjonijiet u t-tagħmir, inklużi n-numru ta' emerġenza 112, li jrid ikun jista' jintuża faċilment kullimkien madwar l-Ewropa, u s-sistema ta' lokalizzazzjoni ta' emerġenza avvanzata (AML), ikunu kompletament aċċessibbli għall-pazjenti b'diżabilità u l-persuni li jindukrawhom, u biex jisfruttaw ulterjorment il-potenzjal tat-telemediċina biex jitjiebu l-aċċess u l-kura f'dan il-kuntest;

51. Jenfasizza l-ħtieġa li jiżdiedu l-appoġġ u dispożizzjonijiet speċifiċi għal persuni b'diżabilità f'xenarji umanitarji, b'mod partikolari t-tfal, u jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi investimenti u finanzjament ta' appoġġ għall-persuni b'diżabilità f'każijiet ta' emerġenza, inkluż data diżaggregata skont is-sess u l-età;

52. Jissottolinja l-fatt li l-kunflitti li għaddejjin u d-diżastri naturali huma wkoll fatturi li jikkontribwixxu għat-tkattir kontinwu tal-għadd ta' persuni b'diżabilità;

53. Jappoġġa r-rakkomandazzjonijiet tal-esperti fis-CRPD biex l-UE tkun aktar aċċessibbli u inklussiva sabiex jinkiseb approċċ għad-diżabilità bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem f'sitwazzjonijiet ta' riskju u emerġenza, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju tad-Diżastri 2015-2030; iħeġġeġ bil-qawwa l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni b'diżabilità, li jsofru minn diskriminazzjoni doppja, fil-politiki tal-UE tal-migrazzjoni u tar-rifuġjati; jenfasizza li dawn il-miżuri għandhom jipprovdu tweġiba xierqa għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni b'diżabilità u jqisu l-ħtieġa għal miżuri ta' akkomodazzjoni raġonevoli bbażati fuq il-bżonnijiet; jinkoraġġixxi aktar integrazzjoni tal-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità fir-rispons umanitarju mogħti mill-Istati Membri u mill-UE;

54. Jitlob li l-UE tieħu r-riedni fil-promozzjoni tad-drittijiet ta' persuni b'diżabilitajiet fl-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri u fl-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli mal-pajjiżi sħab tagħha, mal-organizzazzjonijiet reġjonali u fil-livell globali;

55. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta pjan ta' implimentazzjoni f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Frar 2015 dwar il-ġestjoni tad-diżastri li tkun inklussiva fil-konfront ta' persuni b'diżabilità u tal-Qafas ta' Sendai;

56. Itenni l-importanza tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-ġestjoni tad-diżastri li tinkludi l-persuni b'diżabilità fil-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili u fl-Istati Membri; jitlob għal żieda ta' sensibilizzazzjoni, u l-għoti ta' informazzjoni, għall-persuni b'diżabilità u s-servizzi ta' emerġenza u tal-protezzjoni ċivili dwar l-inizjattivi għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u biex jingħata appoġġ psikoloġiku lil persuni b'diżabilità fil-fażi ta' rkupru mid-diżastri;

57. Jissottolinja l-importanza li jingħata appoġġ speċjali lil persuni b'diżabilitajiet f'sitwazzjonijiet ta' wara l-emerġenza;

58. Jirrikonoxxi li l-membri vulnerabbli tas-soċjetà jkomplu jiġu emarġinati jekk ikollhom diżabilità, u jishaq li l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE għandhom itejbu l-isforzi tagħhom biex jakkomodaw bis-sħiħ il-forniment ta' drittijiet u servizzi għall-persuni kollha b'diżabilità, inklużi l-persuni mingħajr stat, in-nies mingħajr saqaf fuq rashom, ir-rifuġjati u l-persuni li jfittxu asil u persuni li jappartjenu għal minoranzi; jenfasizza l-bżonn li tiġi integrata d-diżabilità fil-politiki tal-migrazzjoni u tar-refuġjati tal-UE;

59. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 11 tas-CRPD, biex meta jagħmlu proposti għall-kwistjoni tar-refuġjati, għal finanzjament jew għal miżuri oħra ta' appoġġ, jipprevedu kura speċjali għall-persuni b'diżabilità;

60. Jenfasizza li l-UE għandha tieħu miżuri xierqa biex tiżgura li l-persuni kollha b'diżabilità li jkunu ċċaħħdu mill-kapaċità ġuridika tagħhom ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet kollha mħaddna fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u fil-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż l-aċċess għall-ġustizzja, għal prodotti u servizzi, u għall-operazzjonijiet bankarji, l-impjiegi, u l-kura tas-saħħa, kif ukoll id-dritt tal-vot u d-drittijiet tal-konsumatur;

61. Jirrikonoxxi li s-CRPD uriet li hija strument pożittiv u ewlieni għall-promozzjoni tar-riforma tal-liġi u tirrikjedi lill-Istati Membri jerġgħu jeżaminaw kif il-persuni b'diżabilità huma perċepiti; jiddispjaċih, madankollu, dwar l-isfidi diffiċli li persuni b'diżabilità għadhom iħabbtu wiċċhom magħhom f'oqsma strateġiċi bħall-ġustizzja kriminali u l-parteċipazzjoni politika; iqis li l-aċċess sħiħ u komplut għas-sistema politika mill-persuni kollha b'diżabilitajiet huwa prijorità; jirrikonoxxi li dan l-aċċess għandu jkun aktar minn sempliċiment aċċess fiżiku biex wieħed ikun jista' jivvota, u li għandu jinkludi firxa wiesgħa ta' inizjattivi biex il-proċess demokratiku jinfetaħ għaċ-ċittadini kollha; huwa tal-opinjoni li dan għandu jinkludi materjal elettorali f'verżjonijiet Braille u li jinqraw faċilment, assistenza kompluta lill-persuni b'diżabilità tul il-proċeduri ta' votazzjoni, il-promozzjoni ta' votazzjoni bil-posta u bi prokura meta possibbli, u t-tneħħija tal-ostakli għal dawk iċ-ċittadini b'diżabilità li jixtiequ jikkandidaw irwieħhom għall-elezzjoni, kif ukoll l-indirizzar tar-regoli eżistenti dwar il-kapaċità ġuridika u l-impatt tagħhom fuq l-abilità tal-individwi biex jipparteċipaw bis-sħiħ fil-proċess demokratiku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità u tad-Direttiva 2010/64/UE dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali u d-Direttiva 2012/13/UE dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċedimenti kriminali, u b'mod partikolari d-Direttiva 2013/48/UE dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà, jiġu implimentati sew u bis-sħiħ, speċjalment fil-każ ta' persuni b'diżabilità;

62. Jiddeplora b'mod qawwi l-fatt li bosta Stati għadhom jiċħdu jew jillimitaw il-kapaċità ġuridika ta' persuni b'diffikultajiet intellettwali billi jirrikorru għall-qrati; jistieden lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom b'mod pożittiv fil-kwistjoni tal-kapaċità legali billi jxaqilbu lejn inklużjoni b'appoġġ aktar milli lejn esklużjoni awtomatika;

63. Jinsab imħasseb dwar id-diffikultajiet li l-persuni b'diżabilitajiet għadhom qed iħabbtu wiċċhom magħhom fl-aċċess għall-ġustizzja; ifakkar li d-dritt għall-aċċess għall-ġustizzja huwa dritt fundamentali u element essenzjali tal-istat tad-dritt; jistieden lill-Istati Membri jieħdu azzjoni sabiex jipprovdu akkomodazzjoni proċedurali sħiħa u biex jaġġustaw proċeduri għal dawn il-persuni; iqis li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tinkludi programmi ta' taħriġ speċifiku dwar is-CRPD fil-Programm tal-UE fil-qasam tal-Ġustizzja għall-2014-2020; jissuġġerixxi li l-qrati tal-UE għandhom japplikaw ir-regoli u l-istruzzjonijiet interni tagħhom b'mod li jiffaċilità l-aċċess għall-ġustizzja għal persuni b'diżabilitajiet, u li r-Rakkomandazzjonijiet Ġenerali tal-Kumitat dwar is-CRPD għandhom ukoll jitqiesu fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja;

64. Jirrikonoxxi d-diversi modi li bihom il-Konvenzjoni tal-Aja dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti tista' tikkontribwixxi fl-implimentazzjoni u s-sostenn tal-obbligi internazzjonali tal-partijiet involuti fis-CRPD; jiddispjaċih, b'rabta ma' dan, għall-fatt li l-Kummissjoni naqset milli tagħti segwitu għar-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-18 ta' Diċembru 2008 b'rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Kummissjoni dwar l-implikazzjonijiet transfruntiera tal-protezzjoni legali tal-adulti ([1]);

65. Jissottolinja l-vjolenza, l-intimidazzjoni u l-abbuż sesswali fl-iskola, fid-dar jew fl-istituzzjonijiet, li għalihom huma aktar vulnerabbli t-tfal b'diżabilità; iħeġġeġ lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri jintervjenu b'mod aktar effikaċi u jiġġieldu kontra l-vjolenza fuq tfal b'diżabilità permezz ta' miżuri speċifiċi u ta' servizzi ta' appoġġ aċċessibbli;

([1]) ĠU C 45 E, 23.2.2010, p. 71.

**Il-Ħamis 7 ta' Lulju 2016**

66. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta miżuri effettivi għall-prevenzjoni tal-vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità, liema miżuri jimmiraw għall-familji, il-komunitajiet, il-professjonisti u l-istituzzjonijiet; jinnota li l-iskejjel jaqdu rwol kruċjali fil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u jenfasizza l-ħtieġa ta' mekkaniżmi xierqa li jippermettu l-inklużjoni fl-iskejjel regolari u li jiżguraw li l-edukaturi u l-għalliema jiġu mħejjija u mħarrġa kif għandu jkun biex jagħrfu u jirreaġixxu għall-vjolenza kontra t-tfal b'diżabilità;

67. Jitlob ukoll lill-Istati Membri jiżguraw li t-trattament involontarju u r-reklużjoni ma jkunux permessi mid-dritt b'konformità mal-istandards internazzjonali l-iktar riċenti;

68. Iħeġġeġ li l-prinċipju tal-moviment liberu taċ-ċittadini b'diżabilità fi ħdan l-UE jiġi garantit permezz tat-tneħħija tal-ostakli kollha għal din il-libertà li għadhom fostna;

69. Jenfasizza li l-libertà tal-moviment taċ-ċittadini Ewropej għandha tiġi garantita għall-persuni b'diżabilità, ħaġa li tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw ir-rikonoxximent reċiproku tas-sitwazzjoni u tad-drittijiet soċjali tagħhom (l-Artikolu 18 tas-CRPD);

70. Jiddispjaċih li l-Kunsill m'aċċettax l-inklużjoni tad-dokumenti relatati mad-diżabilità fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-promozzjoni tal-moviment liberu taċ-ċittadini u tan-negozji permezz tas-simplifikazzjoni tal-aċċettazzjoni ta' ċerti dokumenti pubbliċi fl-UE;

71. Jilqa' l-proġett pilota Karta Ewropea tad-Diżabilità; jiddispjaċih li l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fil-proġett tal-Karta Ewropea tad-Diżabilità kienet waħda limitata, proġett li, permezz ta' miżuri prattiċi, jiffaċilita l-mobilità u r-rikonoxximent reċiproku tad-drittijiet taċ-ċittadini b'diżabilità fl-Istati Membri;

72. Jenfasizza li biex jiġi ggarantit ir-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità huwa meħtieġ li tingħatalhom il-libertà li jagħżlu kif jgħixu u kif l-aħjar jużaw il-potenzjal tagħhom, billi, pereżempju, jagħmlu aktar użu minn arranġamenti bħalma huma l-persuni li jagħtu l-kura;

73. Jiddeplora bis-sħiħ il-kundizzjonijiet diżastrużi li fihom tqiegħdu persuni b'diżabilità f'xi Stati Membri, u jistieden lill-Istati Membri jagħmlu dak kollu li hu possibbli biex jikkonformaw mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 3 tagħha, li jipprojbixxi trattament inuman u degradanti;

74. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jieħdu ħsieb b'mod aħjar il-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilità, u jqisu dawn il-ħtiġijiet b'mod konsistenti meta jirrevedu r-regolamenti tal-UE, bħal dawk dwar id-drittijiet tal-passiġġieri b'modi differenti ta' trasport (ir-Regolamenti (KE) Nru 1107/2006 u (KE) Nru 261/2004 dwar it-trasport bl-ajru, ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 dwar it-trasport ferrovjarju, ir-Regolament (UE) Nru 1177/2010 dwar it-trasport bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni u r-Regolament (UE) Nru 181/2011 dwar it-trasport b'xarabank u b'kowċ), u meta jfasslu leġiżlazzjoni, pereżempju dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fil-kuntest tal-ivvjaġġar b'iktar minn mezz wieħed tat-trasport; jenfasizza li l-UE impenjat ruħha favur Ewropa mingħajr ostakoli fl-2010 fl-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità 2010-2020;

75. Jistieden lill-UE ssaħħaħ il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri u tarmonizza l-ħidma tal-korpi nazzjonali għall-infurzar, u jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni tal-UE maħsuba biex ittejjeb l-aċċessibilità tat-trasport fil-livell lokali, reġjonali u statali għal skopijiet ta' trasport u turiżmu (inklużi karozzi tal-linja u taksis, it-trasport pubbliku urban u t-trasport bil-ferrovija, bl-ajru u bil-baħar, inklużi wkoll stazzjonijiet, ajruporti u portijiet) u biex jiġu indirizzati l-ostakli għal Ewropa mingħajr ostakoli, pereżempju billi jissaħħu l-kompetenzi tal-korpi ta' infurzar rilevanti taħt il-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri sabiex tkun żgurata l-effikaċja u drittijiet ugwali għall-passiġġieri b'diżabilità kollha madwar l-UE, inkluż fir-rigward tal-aċċessibilità u l-istandardizzazzjoni, l-armonizzazzjoni, ir-rekwiżiti tekniċi, u l-inċentivi għall-kumpaniji;

**Il-Ħamis 7 ta' Lulju 2016**

76. Jistieden lill-Kummissjoni tiċċara r-responsabilitajiet ta' kull wieħed mill-atturi involuti fl-għoti ta' kura għall-PMM, b'mod partikolari fir-rigward ta' trasferimenti bejn mezzi differenti tat-trasport, u tipprovdi lill-Parlament b'informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni ta' assoċjazzjonijiet għall-persuni b'diżabilità u r-rwol tagħhom fl-implimentazzjoni tar-regolamenti dwar id-drittijiet tal-passiġġieri;

77. Jenfasizza li l-aċċessibilità bla xkiel għas-servizzi tat-trasport, il-vetturi, l-infrastruttura u ċ-ċentri ta' konnessjoni intermodali, b'mod partikolari f'żoni rurali, hija essenzjali biex ikunu żgurati sistemi ta' mobilità ħielsa mid-diskriminazzjoni integrata; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-persuni b'diżabilità għandu jkollhom aċċess għall-prodotti u s-servizzi u li jeħtieġ li jsir sforz ulterjuri sabiex is-servizzi turistiċi u dawk tat-trasport, il-vetturi u l-infrastruttura jkunu aċċessibbli; jinnota li l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa toffri l-possibilità li jiġu ffinanzjati miżuri fiż-żoni urbani u miżuri biex tittejjeb l-aċċessibilità għall-persuni b'xi tip ta' diżabilità, finanzjament li jista' jammonta għal massimu ta' 10 % tal-ispejjeż tal-adattament;

78. Jistieden lill-Kummissjoni, fir-rapport annwali tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-fondi TEN-T, biex tippubblika l-progress li sar dwar il-miżuri u l-ammont ta' għajnuna mogħtija għall-adattament tal-infrastruttura għan-nies b'diżabilità taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u tipi oħra ta' finanzjament tal-UE; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tieħu azzjoni sabiex tippromwovi involviment akbar fi proġetti mmirati lejn l-adattament ta' infrastruttura għal persuni b'diżabilità, inkluż, fost affarijiet oħra, sessjonijiet ta' informazzjoni u disseminazzjoni għal żviluppaturi potenzjali;

79. Jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza ta' miżuri ta' finanzjament f'żoni urbani, fejn in-nies għandhom jaqilbu bejn il-modi differenti tat-trasport b'mod aktar frekwenti u fejn persuni b'xi tip ta' problemi ta' mobilità jħabbtu wiċċhom l-iktar ma' diffikultajiet;

80. Jenfasizza li formati konsistentement aċċessibbli għandhom ikunu fuq nett fl-aġenda tal-politiki tas-suq ta' mobilità diġitalizzata, u għandhom jiffaċilitaw l-aċċess għall-persuni kollha bi kwalunkwe tip ta' diżabilità bl-użu ta' lingwi, formati u teknoloġiji aċċessibbli u xierqa għal tipi differenti ta' diżabilità, inklużi l-lingwi tas-sinjali, il-Braille, is-sistemi ta' komunikazzjoni awmentattivi u alternattivi u mezzi aċċessibbli oħra, modalitajiet u formati ta' komunikazzjoni tal-għażla tagħhom, inklużi lingwi jew ritratti, sottotitoli u messaġġi testwali personali li jinqraw faċilment, għal informazzjoni dwar l-ivvjaġġar, l-ibbukkjar u l-ħruġ ta' biljetti, filwaqt li jintuża aktar minn mezz sensorju wieħed; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, fir-rigward ta' faċilitajiet ta' trasport u servizzi xierqa, tistabbilixxi mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' kontroll li jiżguraw li l-aċċessibilità u l-apparat ta' assistenza għal persuni b'diżabilità jiġu offruti wkoll fis-servizzi tat-trasport pubbliku fl-Istati Membri kollha;

81. Jenfasizza li l-persuni b'diżabilità għandhom ikunu jistgħu jiksbu informazzjoni dwar servizzi multimodali u transkonfinali li jipprovdu trasport bieb sa bieb b'tali mod li jkunu jistgħu jagħżlu bejn l-aktar servizz sostenibbli, l-irħas wieħed jew l-aktar wieħed rapidu, u jibbukkjaw u jħallsu għal dawn is-servizzi online;

82. Jitlob li l-informazzjoni dwar l-ivvjaġġar f'ħin reali tkun disponibbli sabiex, qabel ma jitilqu fuq vjaġġ, il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jiksbu informazzjoni dwar interruzzjonijiet jew arranġamenti alternattivi tal-ivvjaġġar;

83. Jenfasizza li l-persuni b'disabilità jeħtieġ li jkollhom aċċess għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni f'formati u teknoloġiji aċċessibbli li jkunu adattati għat-tipi differenti ta' diżabilità, inklużi l-lingwi bis-sinjali, il-Braille, il-komunikazzjoni awmentattiva u alternattiva u mezzi, modi u formati oħra aċċessibbli ta' komunikazzjoni tal-għażla tagħhom, inklużi l-formati li jinqraw faċilment u l-użu ta' sottotitoli; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa biex tinforza l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-aċċess għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni; iħeġġeġ lill-Kunsill jadotta mingħajr aktar dewmien id-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tat-Trattat ta' Marrakexx biex jiġi ffaċilitat l-Aċċess għal Xogħlijiet Ippubblikati għal Persuni Għomja, b'Diżabbiltà fil-Vista jew li għandhom Diffikultà Jaqraw Materjal Stampat; jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri jimplimentaw miżuri konsistenti u effikaċi f'konformità mad-dispożizzjonijiet tiegħu;

84. Ifakkar li l-indipendenza, l-integrazzjoni u l-aċċess għal sistema ta' edukazzjoni u taħriġ inklużiva, għal ħajja ċivika u kulturali, għad-divertiment u l-isport huma drittijiet iggarantiti mill-Artikoli 19, 24 u 30 tas-CRPD; ifakkar li dawn id-drittijiet huma protetti taħt id-dritt tal-UE, b'mod partikolari fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' diżabilità u fuq il-bażi tal-prinċipju ta' parteċipazzjoni sħiħa u effikaċi, inkluża l-parteċipazzjoni demokratika u l-inklużjoni fis-soċjetà tal-persuni b'diżabilità (Artikolu 3 tas-CRPD); jitlob lill-Kummissjoni

u lill-Istati Membri jsaħħu, għaldaqstant, il-miżuri li għandhom l-għan li jiżguraw li l-persuni b'diżabilità jkollhom aċċess effikaċi u ugwali mhux biss għall-oqsma ewlenin bħalma huma l-edukazzjoni inklużiva ta' kwalità, il-kultura u l-isport, iżda wkoll għal attivitajiet extrakurrikulari, bħalma huma t-teatru, il-lingwi u l-arti; jitlob lill-Kummissjoni tinkludi indikaturi speċifiċi għad-diżabilità fl-istrateġija Ewropa 2020 meta tkun qed issegwi l-miri dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ.

85. Ifakkar fl-abbozz ta' Kumment Ġenerali tal-Kumitat tas-CRPD tan-NU dwar l-Artikolu 24 (id-"Dritt għal Edukazzjoni Inklużiva"), li jagħti d-dettalji tal-kontenut normattiv tiegħu, l-obbligi tal-istati, ir-relazzjoni tiegħu ma' dispożizzjonijiet oħra tal-Konvenzjoni, u l-implimentazzjoni tiegħu fil-livell nazzjonali;

86. Ifakkar li l-programmi mmirati lejn iż-żgħażagħ għandhom jagħtu attenzjoni speċjali liż-żgħażagħ b'diżabilità;

87. Jinnota li l-istrateġiji rigward iż-żgħażagħ wara l-2018 għandhom jintegraw il-ħtiġijiet taż-żgħażagħ b'diżabilità;

88. Ifakkar li l-persuni b'diżabilità huma spiss esklużi jew m'għandhomx aċċess effikaċi għas-servizzi ta' edukazzjoni u taħriġ fejn proċessi edukattivi mfassla apposta li jqisu l-livell tagħhom ta' diżabilità huma meħtieġa biex jgħinuhom jilħqu l-potenzjal soċjali, ekonomiku u edukattiv sħiħ tagħhom; jenfasizza li għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li l-istudenti kollha li għandhom diżabilità jirċievu l-akkomodazzjoni raġonevoli meħtieġa biex igawdu d-dritt tagħhom għal edukazzjoni ta' kwalità li tkun inklużiva; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-gvernijiet reġjonali u lokali devoluti responsabbli jsaħħu l-programmi ta' taħriġ u l-opportunitajiet ta' żvilupp professjonali kontinwu għall-partijiet interessati rilevanti kollha involuti f'ambjenti ta' tagħlim mhux formali u informali, kif ukoll l-aċċess tagħhom għall-infrastrutturi tal-ICT sabiex jappoġġaw il-ħidma tagħhom ma' studenti b'diżabilità u jiġġieldu l-preġudizzju kontra l-persuni b'diżabilità, b'mod partikolari l-persuni b'diżabilitajiet psikosoċjali u intellettwali;

89. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri effikaċi sabiex jindirizzaw is-segregazzjoni u r-rifjut ta' studenti b'diżabilità fl-iskejjel u fl-ambjenti tat-tagħlim u jagħtuhom aċċess għal akkomodazzjoni raġonevoli u l-appoġġ li jeħtieġu, sabiex dawk li qed jirċievu t-tagħlim jiġu ffaċilitati biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom; jenfasizza l-fatt li l-opportunitajiet indaqs jistgħu jintlaħqu biss jekk id-dritt għal edukazzjoni u taħriġ inklużivi jingħata fil-livelli u t-tipi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż it-tagħlim tul il-ħajja, u għalhekk ir-rikonoxximent tal-kwalifiki għall-persuni b'diżabilità jiġi garantit, b'mod partikolari dawk akkwistati bis-saħħa ta' ambjenti tat-tagħlim li jagħtu appoġġ fejn il-persuni b'diżabilità jistgħu speċifikament jitgħallmu kompetenzi u ħiliet li jippermettulhom jegħlbu d-diżabilità; jiġbed l-attenzjoni lejn in-nuqqasijiet tekniċi u finanzjarji tal-programmi ta' edukazzjoni speċjali, b'mod partikolari fl-Istati Membri milquta mill-kriżi, u jistieden lill-Kummissjoni teżamina kif is-sitwazzjoni tista' tittejjeb;

90. Jinnota l-progress li nkiseb fir-regolamentazzjoni tal-programmi ta' skambju tal-istudenti, b'mod partikolari l-programm Erasmus+, permezz tal-inklużjoni ta' appoġġ finanzjarju addizzjonali għall-mobilità tal-istudenti u l-persunal b'diżabilità u jinsisti li huwa meħtieġ li jkomplu jsiru dispożizzjonijiet speċifiċi fl-aspetti kollha tal-programm; jirrikonoxxi l-fatt li fil-prattika l-istudenti b'diżabilità għadhom iħabbtu wiċċhom ma' għadd kbir ta' ostakli (f'dak li jikkonċerna l-attitudnijiet, il-komunikazzjoni, l-arkitettura, l-informazzjoni, eċċ.); jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-impenn tagħhom favur il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità fil-programmi ta' skambju tal-UE u jtejbu l-viżibilità u t-trasparenza tal-opportunitajiet ta' mobilità; jistieden barra minn hekk lill-Kummissjoni tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki rigward l-aċċess għall-programmi ta' skambju għall-istudenti u l-għalliema b'diżabilità;

91. Jitlob li s-sistemi edukattivi jżommu lura milli joħolqu ambjenti li jagħtu lil min qed jitgħallem tikketti bħalma huma r-raggruppament tal-istudenti u t-tqassim tal-istudenti skont ċerti kriterji, peress li dan jista' jaffettwa b'mod negattiv lill-istudenti b'diżabilità b'mod speċjali dawk li għandhom diffikultà biex jitgħallmu;

92. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi komponent speċifiku għad-diżabilità fl-evalwazzjoni tagħha tad-Direttiva dwar il-Kura tas-Saħħa Transkonfinali, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jkomplu jimplimentaw dik id-Direttiva, anki mill-perspettiva tal-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità u d-dritt tagħhom li jkunu jafu, u jużaw b'mod effikaċi, fuq bażi ugwali mal-oħrajn, id-dispożizzjonijiet u l-istrumenti tad-Direttiva, li l-għarfien dwarhom hija baxxa anke fost il-pubbliku ġenerali;

**Il-Ħamis 7 ta' Lulju 2016**

93. Jenfasizza l-korrelazzjoni qawwija bejn id-diżabilità, li taffettwa aktar minn 15 % tal-popolazzjoni tal-UE, u l-problemi tas-saħħa, b'diffikultajiet u ostakli persistenti għall-aċċess li jwasslu għall-għoti ta' servizzi tal-kura tas-saħħa lill-persuni b'diżabilità li ma jkunux adegwati jew li ma jintlaħqux, inkluż meta d-diżabilità tirriżulta minn reazzjoni avversa għal mediċina; jinnota li n-nuqqas ta' aċċess għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità għandu effett negattiv fuq il-kapaċità ta' dawk b'diżabilità li jgħixu b'mod indipendenti u inklużiv u fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor;

94. Jinnota bi tħassib li l-persuni b'diżabilità jirrappurtaw rati sinifikament ogħla ta' għoti inadegwat jew ċaħda tal-kura, u każijiet ta' trattament furzat jew ħażin, li jindikaw in-nuqqas ta' taħriġ tal-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa dwar il-ħtiġijiet ta' kura tas-saħħa tal-persuni b'diżabilità; jistieden lill-Istati Membri jinvestu fit-taħriġ tal-professjonisti li jikkuraw u jassistu lill-persuni b'diżabilità;

95. Jenfasizza li l-għoti tal-kunsens infurmat mill-persuni b'diżabilità għandu jiġi żgurat fl-atti mediċi kollha li jeħtieġu dan, u li għal dan il-għan għandhom ikunu disponibbli l-mezzi meħtieġa kollha biex tiġi żgurata l-aċċessibilità għall-informazzjoni għal dawn il-persuni, kif ukoll li dawn jifhmu l-informazzjoni rilevanti; jenfasizza li l-kunsens tagħhom irid jingħata personalment, minn qabel u b'għarfien sħiħ tal-fatti, bil-mekkaniżmi kollha meħtieġa biex jiġi żgurat li dawn il-prinċipji jiġu rrispettati, u li miżuri xierqa simili għandhom jittieħdu wkoll fir-rigward tal-persuni b'diżabilità psikosoċjali;

96. Jistieden lill-Kummissjoni tintegra approċċi orjentati lejn id-diżabilità fl-istrumenti u l-politiki tagħha b'rabta mas-saħħa sabiex tikkontribwixxi għal riżultati ta' saħħa mtejba għal nies b'diżabilità fl-Istati Membri, permezz ta' aċċessibilità fiżika, ambjentali u sensorjali, kwalità u affordabilità aħjar, u filwaqt li jkunu qed jiġu żviluppati l-istrumenti u l-politiki fuq dawn il-linji, twettaq konsultazzjonijiet bir-reqqa ma' persuni b'diżabilità;

97. Itenni li d-drittijiet riproduttivi huma fost il-libertajiet fundamentali garantiti skont id-Dikjarazzjoni ta' Vjenna u l-Programm ta' Azzjoni u s-CPRD, li jinkludu: id-dritt għall-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, id-dritt għaż-żwieġ u t-trobbija ta' familja; id-dritt għal kura komprensiva tas-saħħa riproduttiva inklużi l-ippjanar tal-familja u s-servizzi tas-saħħa materna, l-edukazzjoni, u l-informazzjoni; id-dritt li jingħata kunsens infurmat għall-proċeduri mediċi kollha inklużi l-isterilizzazzjoni u l-abort; u d-dritt li persuna tkun ħielsa mill-abbuż u l-isfruttament sesswali;

98. Jitlob lill-Kummissjoni tadotta miżuri biex tiżgura li l-kura tas-saħħa u s-servizzi kollha pprovduti lil nisa b'diżabilità, inklużi s-servizzi u l-kura kollha tas-saħħa riproduttiva u s-saħħa mentali, ikunu aċċessibbli u bbażati fuq il-kunsens liberu u informat tal-individwu kkonċernat;

99. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jadottaw linji gwida biex jiżguraw li l-edukazzjoni, l-informazzjoni, il-kura tas-saħħa u s-servizzi kollha relatati mas-saħħa sesswali u riproduttiva jkunu disponibbli għan-nisa u l-bniet b'diżabilità f'formati aċċessibbli u adattati skont l-età, inklużi l-lingwi tas-sinjali, il-Braille, il-komunikazzjoni bis-sens tal-mess, it-tipa kbira, u modi, mezzi u formati alternattivi oħra ta' komunikazzjoni;

100. Jikkonferma mill-ġdid il-fehma tiegħu li għandha tiġi indirizzata l-ħtieġa li jiġi provdut appoġġ speċjalizzat, inkluża assistenza għall-indukrar tat-tfal, lil nisa u rġiel b'diżabilità, flimkien mal-familji tagħhom, sabiex dawn ikunu jistgħu jgawdu bis-sħiħ il-maternità u l-paternità;

101. Jenfasizza li l-iskemi tal-assigurazzjoni tas-saħħa m'għandhomx jiddiskriminaw kontra l-persuni b'diżabilità;

102. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa gwida madwar l-UE kollha għall-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar l-għoti ta' informazzjoni aċċessibbli għall-pazjenti kollha dwar il-kura fi Stati Membri oħrajn, filwaqt li żżomm quddiem għajnejha r-rwol partikolari tal-organizzazzjonijiet tal-pazjenti;

103. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri u lill-membri tan-Netwerk Ewropew ta' Referenza sabiex jestendu r-riżorsi u l-kompetenzi tan-netwerk għal forom ta' diżabilità li, minkejja li mhux neċessarjament ikunu rari, jirrikjedu wkoll kura tas-saħħa speċjalizzata ħafna li tingħata minn timijiet ta' kura tas-saħħa multidixxiplinari u konċentrazzjoni ta' għarfien u riżorsi permezz ta' dan il-qafas;

**Il-Ħamis 7 ta’ Lulju 2016**

104. Isostni li l-prodotti u s-servizzi jridu jsiru iktar aċċessibbli għall-persuni b’diżabilità; jinnota li l-ostakli ekonomiċi u dawk marbuta mar-relazzjoni kostijiet-benefiċċji qed jipprevjenu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-aċċessibilità; jemmen li l-involviment ikbar ta’ persuni b’diżabilità fl-iżvilupp ta’ prodotti u servizzi relatati mas-saħħa se jikkontribwixxi biex jiġu żgurati sikurezza u aċċessibilità ikbar;

105. Jenfasizza li l-persuni b’diżabilità fiżika jħabbtu wiċċhom ma’ problemi wkoll fir-rigward tas-suq tal-mobilità diġitalizzata, u jitlob għall-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-persuni kollha bi kwalunkwe tip ta’ diżabilità f’lingwi, formati u teknoloġiji aċċessibbli u xierqa għal tipi differenti ta’ diżabilità, inklużi l-lingwi tas-sinjali, il-Braille, is-sistemi ta’ komunikazzjoni awmentattivi u alternattivi u mezzi, modalitajiet u formati ta’ komunikazzjoni aċċessibbli oħra tal-għażla tagħhom, inklużi formati, sottotitoli u messaġġi testwali personali li jinqraw faċilment, b’mod partikolari fir-rigward tal-informazzjoni dwar is-saħħa, filwaqt li jintuża aktar minn mezz sensorju wieħed;

106. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel sforzi kontinwi biex tagħti spinta lill-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa sabiex tindirizza l-inugwaljanzi gravi fis-saħħa u fl-aċċess li jaffettwaw lill-persuni b’diżabilità l-iktar vulnerabbli;

107. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw il-klassifikazzjoni ta’ mard li jikkawża diżabilità tal-memorja bħala diżabilità;

108. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu rikonoxximent xieraq lir-rwol fundamentali tal-familjari li jieħdu ħsieb il-persuni b’diżabilità u jiżguraw li anki huma jkollhom aċċess xieraq għas-servizzi tas-saħħa fid-dawl tal-impatt li l-kura ta’ persuni b’diżabilità tħalli fuq is-saħħa fiżika u mentali u l-benessri tagħhom stess;

109. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw li d-drittijiet u s-servizzi marbuta mal-impjiegi, inkluż akkomodazzjoni raġonevoli fil-kuntest tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi, ikunu portabbli u konformi mal-libertà ta’ moviment għall-persuni b’diżabilità, kif deskritt fit-Trattati; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw inċentivi għal min iħaddem u politiki attivi tas-suq tax-xogħol biex jappoġġaw l-impjieg ta’ persuni b’diżabilità; jirrikonoxxi l-potenzjal kemm tal-ekonomija soċjali kif ukoll tal-ekonomija diġitali emerġenti biex jipprovdu impjieg għall-persuni b’diżabilità;

110. Jinsab imħasseb dwar ir-rati għolja ta’ qgħad fost il-persuni b’diżabilità, b’mod speċjali fost in-nisa b’diżabilità, meta mqabbla ma’ gruppi oħra tal-popolazzjoni fl-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Istati Membri jrawmu u jiżguraw qafas ta’ politika għall-parteċipazzjoni tan-nisa b’diżabilità fis-suq tax-xogħol, inklużi dawk b’diżabilità u kundizzjonijiet kroniċi moħbija jew diffikultajiet ta’ tagħlim;

111. Huwa mħasseb li d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjiegi ma tirrikonoxxix espliċitament iċ-ċaħda ta’ akkomodazzjoni raġonevoli għal persuni b’diżabilità bħala forma ta’ diskriminazzjoni; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi tagħrif dwar is-sitwazzjoni attwali rigward it-tipi ta’ lmenti li waslu, u tqis f’dan ir-rigward jekk hix meħtieġa reviżjoni tad-Direttiva;

112. Jenfasizza l-benefiċċji li wieħed imur lil hinn mill-kuntest ta’ mpjieg f’workshops protetti u li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ta’ impjieg għal persuni b’diżabilità li jinkluduhom fis-suq tax-xogħol miftuħ; jisħaq fuq l-importanza li jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki bejn l-awtoritajiet pubbliċi, l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-persuni b’diżabilità, il-fornituri ta’ servizzi ta’ sostenn, l-impjegaturi b’esperjenza u atturi rilevanti oħrajn;

113. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu aktar l-impjieg ta’ persuni b’diżabilità permezz ta’ intrapriżi soċjali u ekonomiċi bbażati fuq is-solidarjetà biex b’hekk jgħinu l-persuni b’diżabilità jidħlu fis-suq tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni f’dan ir-rigward tippromwovi aktar is-suq tal-investimenti soċjali emerġenti ġdid permezz tal-għodod li nħolqu bħala parti mill-Inizjattiva ta’ Negozju Soċjali, u tinforma lill-Parlament dwar ir-riżultati ta’ reviżjoni ta’ nofs it-terminu tagħha;

114. Jindika li, biex jiġi evitat li l-persuni b’diżabilità jingħataw sensja, huwa essenzjali li dawn ikunu jistgħu jagħmlu xogħolhom skont leġiżlazzjoni speċifika; jirrakkomanda, barra minn hekk, li jiġu implimentati kontrolli xierqa, flimkien ma’ kooperazzjoni xierqa maċ-ċentri tal-impjiegi u mal-kumpaniji bil-għan li tiġi eliminata l-emarġinazzjoni tal-persuni b’diżabilità mid-dinja tax-xogħol u sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tagħhom;

115. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jadottaw oqfsa ta’ kwalità tajba għat-traineeships, u jħeġġu u jiżviluppaw opportunitajiet għal apprendistati u taħriġ għal persuni b’diżabilità, filwaqt li jiżguraw aċċessibilità u akkomodazzjoni raġonevoli biex jiġi żgurat ħarsien soċjali u tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tal-persuni b’diżabilità fis-suq tax-xogħol;

116. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri urġenti biex jipprevjenu u jreġġgħu lura l-effetti negattivi li l-miżuri ta' awsterità kellhom fuq il-protezzjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità;

117. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw miżuri effikaċi sabiex jipprevjenu jew itaffu l-faqar, il-vulnerabilità u l-esklużjoni soċjali fost il-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom, b'kunsiderazzjoni speċjali għat-tfal u l-anzjani b'diżabilità, fil-kuntest ta' Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

118. Jistieden lill-Istati Membri jżommu lura milli jnaqqsu l-benefiċċji relatati mad-diżabilità, is-servizzi bbażati fil-komunità, is-servizzi tas-saħħa, il-programmi ta' taħriġ u ta' edukazzjoni li jdgħajfu lis-CRPD u jżidu ulterjorment il-livell ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali;

119. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, għal darb'oħra bil-għan li jiġġieldu l-esklużjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom, biex jippromwovu, fuq il-bażi ta' regoli komuni, miżuri kontra l-faqar li jinsabu fih ħafna familji b'persuni b'diżabilità, b'referenza għal indikaturi ċari li fuqhom għandha tiġi bbażata l-kura meħtieġa;

120. Jissottolinja li l-Artikolu 7 u l-Artikolu 96(7) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (UE) Nru 1303/2013 jirrikjedu li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiżguraw li l-opportunitajiet indaqs, in-nondiskriminazzjoni u l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità jitqiesu u jiġu promossi fl-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE) b'mod ġenerali u fil-Programmi Operattivi b'mod partikolari; jitlob approċċ integrat sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni b'diżabilità; jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni twettaq monitoraġġ mill-qrib tal-applikazzjoni tal-kondizzjonalitajiet ex ante ġenerali rigward il-qlieda kontra d-diskriminazzjoni u d-diżabilità; jisħaq fuq il-fatt li l-evalwazzjoni ex ante tagħhom għandha tevalwa l-adegwatezza tal-miżuri ppjanati għall-promozzjoni tal-opportunitajiet ugwali għan-nisa u għall-irġiel u l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċessibilità tal-finanzjament;

121. Iħeġġeġ lil dawk li jfasslu l-politika fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE jiżguraw monitoraġġ effiċjenti tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet immirati kontra n-nondiskriminazzjoni, kif ukoll l-aċċessibilità u l-użu tal-finanzjament SIE sabiex jiġi appoġġat l-aċċess ugwali għas-servizzi kollha, inkluż l-internet, għall-persuni b'diżabilità, u arranġamenti ta' għajxien ugwali u suffiċjenti fil-komunitajiet lokali fiż-żoni kollha (eż. żoni rurali u skarsament popolati u żoni urbani), kif ukoll għall-istituzzjonijiet li jieħdu ħsiebhom; jinnota, madankollu, li l-politiki soċjali u l-finanzjament tagħhom għadhom primarjament ir-responsabilità tal-Istati Membri;

122. Jistieden lill-Kummissjoni ssegwi mill-qrib jekk il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni u l-leġiżlazzjoni relatata humiex qed jiġu rrispettati meta jintużaw il-Fondi SIE; jissottolinja li l-korpi responsabbli għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u n-nondiskriminazzjoni, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità, jeħtieġ li jiġu involuti fis-sħubija tul il-fażi tal-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Programmi Operattivi, biex jiġi żgurat li l-interessi u l-preokkupazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità jitqiesu b'mod effikaċi; jinsisti li l-użu tal-Fondi SIE għandu jirrispetta l-istandards minimi fir-rigward tal-aċċessibilità, il-mobilità u l-akkomodazzjoni għall-persuni b'diżabilità, u jinnota li dan jinvolvi kompitu importanti u diffiċli, speċjalment għall-awtoritajiet lokali u reġjonali;

123. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu aħjar mill-fondi strutturali, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew u l-Programm Ewropa Kreattiva, filwaqt li jinvolvu kemm jista' jkun organizzazzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità; jisħaq, barra minn hekk, fuq l-importanza li tiġi garantita aċċessibilità sħiħa lill-persuni b'diżabilità għas-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni u t-taħriġ, Erasmus+, il-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-inizjattivi tal-EURES;

124. Jistieden lill-Istati Membri jxerrdu l-prinċipju skont liema l-awtoritajiet kontraenti tal-FSIE jistgħu jeskludu l-applikanti talli jkunu naqsu milli jissodisfaw l-impenn għall-aċċessibilità tal-persuni b'diżabilità;

125. Jilqa' l-kondizzjonalitajiet ex ante dwar l-inklużjoni soċjali u l-prijorità ta' investiment tagħha dwar "tranżizzjoni minn servizzi bbażati fl-istituzzjoni għal servizzi bbażati fil-komunità" fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni dwar il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (Fondi SIE); jistieden lill-Istati Membri jużaw il-fondi għad-deistituzzjonalizzazzjoni u bħala għodda għall-implimentazzjoni tas-CRPD;

**Il-Ħamis 7 ta' Lulju 2016**

126. Jinsab imħasseb li l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej qed jintużaw ħażin biex titrawwem l-istituzzjonalizzazzjoni, u jistieden lill-Istati Membri u l-Kummissjoni jsaħħu l-monitoraġġ tagħhom f'konformità mas-CRPD u b'konsultazzjoni ma' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-persuni b'diżabilità; jemmen li l-prinċipji ta' trasparenza għandhom jirregolaw il-proċedura sħiħa mill-allokazzjoni tal-fondi sal-użu reali tagħhom;

127. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa, fosthom permezz tal-Fondi SIE u fondi rilevanti oħra tal-UE, jiżviluppaw servizzi ta' appoġġ ta' kwalità għolja u bi prezz aċċessibbli f'komunitajiet lokali għal subien u bniet b'diżabilità u l-familji tagħhom, inklużi persuni li jeħtieġu sostenn ta' livell għoli, irawmu d-deistituzzjonalizzazzjoni u jipprevjenu l-istituzzjonalizzazzjoni, u jippromwovu l-komunitajiet inklużivi u l-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità inklużiva għall-bniet u s-subien b'diżabilità;

128. Jemmen li l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jikkunsidraw jiftħu flussi ta' finanzjament futuri u eżistenti għall-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw b'mod attiv lill-persuni b'diżabilità;

129. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli taħdem lejn l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità permezz tal-għoti ta' appoġġ finanzjarju għal firxa ta' proġetti u organizzazzjonijiet li joriġinaw fil-komunitajiet lokali;

130. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jinvolvu b'mod attiv il-persuni b'diżabilità fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, anke permezz tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, b'konformità mal-Artikolu 4(3) tas-CRPD; iħeġġeġ, barra minn hekk, biex l-opinjonijiet espressi minn persuni b'diżabilità jitqiesu kif xieraq tul proċessi bħal dawn;

131. Itenni l-importanza li l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet għad-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati jkunu disponibbli għall-persuni b'diżabilitajiet; jieħu nota tal-konklużjoni tat-Trattat ta' Marrakexx immirat biex jiffaċilita l-aċċess għal xogħlijiet ippubblikati minn persuni għomja jew b'vista batuta, u jtenni l-konvinzjoni tiegħu li l-UE għandha l-kompetenza li tikkonkludi dan it-trattat mingħajr ma r-ratifika tkun tiddependi minn reviżjoni tal-qafas ġuridiku tal-UE jew miż-żmien ta' sentenza mill-Qorti tal-Ġustizzja; jisħaq ukoll, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li l-Parlament, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jaħdmu flimkien biex jiżguraw ir-ratifika rapida tat-Trattat ta' Marrakexx;

132. Jenfasizza wkoll li kwalunkwe bidla leġiżlattiva fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati għandha tipprovdi l-aċċess tal-persuni b'diżabilitajiet għal xogħlijiet u servizzi protetti minn dawk id-drittijiet fi kwalunkwe format; ifakkar li l-Kummissjoni hija mistennija tippreżenta proposti leġiżlattivi dwar l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet għad-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati bil-għan li tiżgura li persuni b'diżabilitajiet differenti jkollhom aċċess għax-xogħlijiet u s-servizzi protetti minn dawk id-drittijiet;

133. Jinsisti fuq l-importanza ta' sistemi diġitali għall-persuni b'diżabilità bħala għodda biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tagħhom fl-aspetti kollha tas-soċjetà, u jirrakkomanda li jkompli jiġi investigat l-użu tat-teknoloġiji megħjuna kuntestwalment fl-edukazzjoni; jirrikonoxxi l-fatt li għadd sproporzjonat ta' persuni b'diżabilità mhumiex attwalment online, u li huma esklużi mill-iżviluppi diġitali u bħala konsegwenza, qed jitilfu informazzjoni, opportunitajiet, akkwist ta' ħiliet ġodda, u aċċess għal servizzi importanti; jistieden għalhekk lil-leġiżlaturi fil-livell nazzjonali u tal-UE jinkludu dispożizzjonijiet dwar l-aċċessibilità meta jkunu qed jimplimentaw leġiżlazzjoni tas-suq uniku diġitali, jintegraw il-kwistjoni tal-aċċessibilità tal-kontenut diġitali fil-politiki rilevanti kollha, jagħtu bidu għal programmi ta' taħriġ għall-"Promoturi Diġitali" fi ħdan il-komunitajiet biex iħeġġu aktar persuni b'diżabilità jmorru online, u jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġġieldu kontra ċ-ċiberkriminalità u l-bullying ċibernetiku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ma jikkostitwixxux ostaklu mhux raġonevoli jew diskriminatorju għall-aċċess mill-persuni b'diżabilità għall-materjali kulturali u jikkunsidraw eċċezzjoni obbligatorja għad-drittijiet tal-awtur fil-każijiet ta' użu, għall-benefiċċju ta' persuni b'diżabilità, li huwa direttament relatat mad-diżabilità u ta' natura mhux kummerċjali, sa fejn ikun meħtieġ mid-diżabilità speċifika; jitlob li fil-politiki kollha tal-UE jiġi applikat approċċ trasversali għad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni b'diżabilità;

**Il-Ħamis 7 ta' Lulju 2016**

134. Ifakkar li l-isport huwa strument estremament importanti fil-kuntest tal-inklużjoni soċjali peress li jipprovdi opportunitajiet għall-interazzjoni u l-kisba ta' ħiliet soċjali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, skont l-Artikolu 30 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità tan-NU, ivaraw programmi speċifiċi mmirati biex jagħmlu l-attivitajiet sportivi u l-avvenimenti sportivi aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità; jinnota li d-dritt li jkollhom aċċess sħiħ għall-avvenimenti kulturali jew għall-attivitajiet rikreattivi huwa dritt bażiku u jistieden għalhekk lill-Kummissjoni ttejjeb l-aċċessibilità għal tali avvenimenti, postijiet fejn isiru l-avvenimenti, oġġetti u servizzi, inkluż fil-qasam awdjoviżiv; jilqa' l-inizjattivi li jittieħdu biex xogħlijiet awdjoviżivi u xogħlijiet oħra jingħataw sottotitoli adattati jew deskrizzjoni bl-awdjo sabiex isiru aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità;

135. Huwa tal-fehma li għall-persuni b'diżabilità għandhom jiġu żviluppati strumenti diġitali sabiex jgħinu fl-integrazzjoni tal-persuni sportivi b'diżabilità, kif ukoll pjattaformi għat-telexogħol u l-użu konġunt ta' postijiet u spazji tax-xogħol ("hot-desking" u "co-working"); jemmen, barra minn hekk, li t-tagħlim ta' kwalità u l-infrastruttura għall-isports fl-iskejjel għandhom jiġu adattati għall-ħtiġijiet tat-tfal b'diżabilità, u li f'kull Stat Membru għandu jiġi stabbilit qafas strateġiku ta' politika nazzjonali u reġjonali għat-tagħlim tul il-ħajja, li jinkludi miżuri konkreti għall-iżvilupp tal-ħiliet għall-persuni b'diżabilità;

136. Ifakkar li s-sottoprogramm MEDIA ta' Ewropa Kreattiva għandu jagħti attenzjoni speċjali lill-proġetti li jinkludu l-kwistjoni tad-diżabilitajiet, u li l-qawwa edukattiva tal-films u tal-festivals f'dan ir-rigward għandha tiġi enfasizzata;

137. Jisħaq li l-aċċessibilità hija essenzjali jekk irridu li l-persuni b'diżabilità jieħdu vantaġġ sħiħ minn dak li qed joffri t-turiżmu Ewropew;

138. Jenfasizza li servizzi turistiċi għandhom iqisu l-bżonnijiet speċjali tal-persuni b'diżabilità, bħalma huma l-aċċess faċli għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u għal faċilitajiet bħal kmamar, kmamar tal-banju, toilets u żoni oħra interni;

139. Jafferma li l-prinċipju tat-"turiżmu għal kulħadd" għandu jkun il-punt ta' riferiment għal kwalunkwe azzjoni marbuta mat-turiżmu fuq livell lokali, reġjonali, nazzjonali u f'dak Ewropew; jenfasizza li l-fornituri tas-servizzi tat-turiżmu għandhom jieħdu ħsieb il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità billi jippromwovu l-adattament ta' faċilitajiet u persunal għall-attivitajiet ta' taħriġ.

***Obbligi speċifiċi***

140. Jitlob għall-iżvilupp ta' indikaturi bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem, u jistieden lill-Istati Membri jipprovdu data diżaggregata komparabbli kwantitattiva u kwalitattiva abbażi ta' diversi fatturi, inklużi l-ġeneru, l-età, l-istat professjonali u d-diżabilità, għall-attivitajiet kollha fl-UE; Jistieden lill-Kummissjoni tiffinanzja r-riċerka u l-ġbir tad-data rilevanti, pereżempju dwar l-aċċessibilità għas-servizzi tal-kura tas-saħħa u t-turiżmu, il-vjolenza, l-abbuż u l-isfruttament tal-persuni kollha bi kwalunkwe tip ta' diżabilità fil-komunità u fl-istituzzjonijiet;

141. Jistieden lill-Kummissjoni tarmonizza l-ġbir tad-data dwar id-diżabilità permezz ta' stħarriġ soċjali tal-UE f'konformità mal-Artikolu 31 tas-CRPD, sabiex tidentifika u tirreklama l-iżviluppi fis-settur; jenfasizza li tali ġbir ta' data għandu juża metodoloġiji li huma inklużivi tal-persuni kollha b'diżabilità, inklużi dawk b'diżabilitajiet aktar gravi u dawk li jgħixu f'istituzzjonijiet; id-data kollha miġbura għandha tkun soġġetta għall-inizjattivi stretti tad-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tad-data inklużi, iżda mhux limitati għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u d-Direttiva Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Data; jisħaq li tali stħarriġiet għandhom ikunu speċifiċi u mmirati kemm jista' jkun u għandhom jiġu segwiti minn studji u sessjonijiet ta' ħidma xierqa li jirriżultaw f'forom xierqa u effikaċi ta' azzjoni;

142. Jistieden lill-Kummissjoni tintegra b'mod sistematiku d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità fil-politiki u l-programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-UE kollha;

143. Jenfasizza l-importanza li jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) kollha relatati mad-diżabilità, b'mod partikolari rigward l-Għan 4 dwar l-iżgurar ta' edukazzjoni inklużiva, ta' kwalità ġusta u l-ħtieġa li jiżdiedu n-numru ta' skejjel b'aċċess għal infrastruttura u materjali adattati għall-istudenti b'diżabilità u l-investiment fil-kompetenzi tal-għalliema għall-edukazzjoni inklużiva u l-parteċipazzjoni tat-tfal fl-iskola u fil-komunità;

**Il-Ħamis 7 ta' Lulju 2016**

144. Jenfasizza l-impenn li ħadd ma jitħalla barra u r-referenzi għad-diżabilitajiet fl-SDG, speċifikament fit-taqsimiet dwar l-edukazzjoni, it-tkabbir u l-impjiegi, l-inugwaljanza u l-aċċessibilità għal insedjamenti umani, u rigward il-ġbir tad-data u l-monitoraġġ tal-SDG, u jirrakkomanda li l-UE tkun minn ta' quddiem fl-implimentazzjoni tal-SDG inklużivi fir-rigward tad-diżabilità; jissottolinja, barra minn hekk, ir-referenzi tal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri (DRR);

145. Jirrakkomanda li l-UE tassumi rwol ta' tmexxija dwar l-inklużjoni tad-diżabilità fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u tistabbilixxi pjan ta' ħidma u rieżami ta' nofs it-terminu tal-pjan ta' ħidma sabiex tiggarantixxi mekkaniżmu ta' monitoraġġ u valutazzjoni u tiżgura r-responsabilità tal-UE;

146. Jistieden lill-Kummissjoni tabbozza pjan ta' implimentazzjoni għall-SDG u għad-DRR f'konformità mas-CRPD; jissottolinja li pjan bħal dan għandu jagħti kontribut importanti għad-definizzjoni ta' indikaturi fl-oqsma relatati mad-diżabilità u mal-inklużjoni soċjoekonomika; jenfasizza li l-faqar, il-protezzjoni soċjali, il-kopertura tas-saħħa, il-vjolenza kontra n-nisa, is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, l-aċċess għall-ilma, is-sanitazzjoni u l-enerġija, ir-reżiljenza għad-diżastri u r-reġistrazzjoni tat-twelid jisthoqqilhom attenzjoni partikolari fid-definizzjoni ta' indikaturi tal-SDG;

147. Jisħaq fuq il-fatt li l-politiki u l-programmi kollha tal-UE, kemm esternament u internament, iridu jikkonformaw mas-CRPD u jistabbilixxu miżuri speċifiċi li jiggarantixxu li d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità jiġu integrati fl-oqsma kollha, inklużi l-politiki u l-programmi umanitarji u ta' żvilupp; jitlob li l-UE, għal dan il-għan, tadotta politika armonizzata dwar żvilupp inklużiv tad-diżabilità u tistabbilixxi approċċ sistematiku u istituzzjonalizzat biex tallinja d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità fil-politiki u l-programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-UE kollha;

148. Jirrakkomanda li d-delegazzjonijiet u l-aġenziji tal-UE juru biżżejjed fehim tal-istrateġiji tal-UE dwar id-diżabilità u jaħdmu b'mod inklużiv u aċċessibbli; jissuġġerixxi l-ħolqien ta' "punt fokali" għas-CRPD fis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna; jitlob l-introduzzjoni urġenti ta' perspettiva dwar id-diżabilità fil-korsijiet kollha ta' taħriġ dwar id-drittijiet tal-bniedem stabbiliti fil-qafas tal-missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK);

149. Jitlob li l-UE, barra minn hekk:

— timplimenta aktar proġetti ta' żvilupp li jiffokaw speċifikament fuq il-persuni b'diżabilità;

— tistabbilixxi mekkaniżmu biex tibni l-kapaċità u tiskambja l-prattiki tajba fost il-bosta istituzzjonijiet tal-UE u bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha dwar l-għajnuna umanitarja inklużiva u aċċessibbli għal persuni b'diżabilità;

— timplimenta punti fokali għal kwistjonijiet ta' diżabilità fid-delegazzjonijiet tal-UE, bil-ħatra ta' uffiċjali ta' kollegament imħarrġa li jistgħu joffru l-benefiċċji tal-għarfien espert u l-professjonaliżmu tagħhom lill-persuni b'diżabilità;

— tindirizza kwistjonijiet dwar id-diżabilità fi djalogi ma' pajjiżi sħab, tappoġġa l-kooperazzjoni strateġika mal-NGOs dwar id-diżabilità tal-pajjiżi sħab u timpenja ruħha f'dik il-kooperazzjoni;

— tagħmel rieżami tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) u tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) fil-kuntest tas-CRPD;

— tinkludi referenza għall-integrazzjoni tal-kwistjonijiet dwar id-diżabilità fil-politiki tal-UE fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid li possibbilment jiġi adottat;

— tikkunsidra l-allokazzjoni ta' fondi pprovduti għall-politiki u l-programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali kollha tal-UE għall-programmi nazzjonali għall-persuni b'diżabilità;

— tipprovdi kura rapida, xierqa u komprensiva lit-tfal li aktarx ikunu f'riskju, minħabba l-importanza ta' intervent bikri;

150. Jilqa' l-Objettiv 12 il-ġdid fil-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015-2019; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità titqajjem b'mod sistematiku fid-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi; jistieden lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem imexxi u jimmonitorja l-progress f'dan il-qasam, speċjalment fir-rigward ta' sforzi ta' standardizzazzjoni f'termini ta' aċċessibilità;

151. Jappoġġa l-inklużjoni effikaċi tal-persuni b'diżabilità fis-soċjetà, speċjalment f'komunitajiet lokali, u l-finanzjament ta' servizzi għal persuni li jgħixu għal rashom permezz ta' programmi taħt l-istrumenti finanzjarji tal-azzjoni esterna; jitlob li jsir użu aktar razzjonalizzat tal-Fondi Strutturali tal-UE; Jitlob għall-valutazzjoni ta' nofs it-terminu tal-istrumenti ta' finanzjament estern sabiex jiġi vvalutat kif dawn ikkontribwixxew b'mod effikaċi għall-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità fis-soċjetajiet tagħhom, kif tneħħew l-ostakli, u kif tħeġġet l-aċċessibilità; jitlob, barra minn hekk, li kwalunkwe nefqa fi programmi tal-UE li jappoġġaw l-istitutjonalizzazzjoni jevitaw is-segregazzjoni ta' persuni b'diżabilità; jitlob għat-tisħiħ u l-monitoraġġ tal-infiq b'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet tad-diżabilità;

152. Jissuġġerixxi li l-persuni kollha impjegati mill-UE fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni u fiċ-ċentri tal-akkoljenza għall-asil tagħha għandhom jirċievu taħriġ speċifiku rilevanti għall-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità biex jiġi żgurat li l-ħtiġijiet tagħhom jiġu ssodisfati;

153. Jilqa' l-irtirar tal-Kummissjoni mill-qafas ta' monitoraġġ indipendenti (il-Qafas tal-UE); jinsab impenjat li jsib l-aktar struttura xierqa għall-Qafas tal-UE b'tali mod li jkun f'konformità sħiħa mas-CRPD u l-Prinċipji ta' Pariġi, u jħeġġeġ li l-Kodiċi ta' Kondotta bejn il-Kunsill, l-Istati Membri u l-Kummissjoni li jistabbilixxi l-arranġamenti interni għall-implimentazzjoni mill-Unjoni Ewropea u r-rappreżentazzjoni tagħha b'rabta mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità jiġi rivedut u emendat b'tali mod li jinvolvi l-Parlament Ewropew ukoll;

154. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal kooperazzjoni politika msaħħa fi ħdan il-qafas, inklużi r-riżorsi finanzjarji u umani biex jiġi żgurat li jista' jissodisfa l-obbligi tiegħu u jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tas-CRPD.

155. Jagħti l-ikbar importanza lill-Artikolu 33 tas-CRPD ("Implimentazzjoni u monitoraġġ nazzjonali") u lill-Osservazzjonijiet Finali 76 u 77 tal-Kumitat NU CRPD, u għaldaqstant jilqa' l-approvazzjoni mogħtija mill-Kumitat NU CRPD għall-preżenza tal-Parlament fil-Qafas tal-UE;

156. Jistieden lill-awtoritajiet baġitarji jallokaw riżorsi adegwati sabiex il-Qafas tal-UE jkun jista' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu b'mod indipendenti;

157. Ifakkar li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jipprevedi protezzjoni attiva għaċ-ċittadini Ewropej (persuni fiżiċi jew ġuridiċi) skont l-Artikolu 227 tat-TFUE, sabiex dawn ikunu jistgħu jressqu lment kontra ksur tad-drittijiet tagħhom min-naħa tal-awtoritajiet Ewropej, nazzjonali u lokali, inklużi dawk derivati mill-applikazzjoni tal-politiki Ewropej li għandhom l-għan li jimplimentaw is-CRPD, fl-ambitu tad-Dikjarazzjoni dwar id-delimitazzjoni tal-kompetenzi annessa mal-Att Finali li jadotta t-Trattat;

158. Jenfasizza l-fatt li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet huwa rikonoxxut bħala wieħed mill-istrumenti istituzzjonali tal-UE (flimkien mal-Ombudsman, maħtur biex jiddefendi liċ-ċittadini f'każ ta' amministrazzjoni ħażina) li kapaċi jaqdu r-rwol ta' protezzjoni fil-Qafas tal-UE, f'konformità mal-prinċipji dwar il-funzjonament tal-istituzzjonijiet nazzjonali stabbiliti għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ("il-Prinċipji ta' Pariġi"), adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Riżoluzzjoni 48/134 tagħha tal-1993;

159. Jirrimarka li, sabiex iwettaq ir-rwol ta' protezzjoni, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet iqiegħed dmirijietu għas-servizz ta' qafas ta' sorveljanza indipendenti fir-rigward tal-investigazzjonijiet preliminari ta' ksur tad-dritt tal-UE li jimplimenta lis-CRPD, it-trażmissjoni ta' petizzjonijiet lil kumitati Parlamentari oħra biex ikunu jistgħu jinvestigaw jew jieħdu l-azzjoni korrispondenti, u żjarat fuq il-post biex tinġabar informazzjoni u jiġi stabbilit kuntatt mal-awtoritajiet nazzjonali;

**Il-Ħamis 7 ta' Lulju 2016**

160. Ifakkar li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jirċievi għadd konsiderevoli ta' petizzjonijiet mingħand persuni b'diżabilità kull sena, u dan juri r-realtà ta' miljuni ta' persuni madwar l-Ewropa li jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet ta' kuljum fir-rigward tal-aċċess għax-xogħol u l-impjieg, l-edukazzjoni u t-trasport jew il-parteċipazzjoni fil-ħajja politika, pubblika u kulturali; jisħaq fuq l-importanza tal-Artikolu 29 tas-CRPD dwar il-parteċipazzjoni mingħajr diskriminazzjoni tal-persuni b'diżabilità fil-ħajja politika u pubblika;

161. Ifakkar li sikwit, il-petizzjonijiet li ngħataw l-aktar attenzjoni kienu appoġġati minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità, u għaldaqstant jeħtieġ li jiġi promoss u mxandar fil-pubbliku r-rwol ta' protezzjoni u l-effikaċja tal-petizzjonijiet imsejsa fuq il-ksur ta' dawn id-drittijiet; ifaħħar ir-rwol ta' dawn l-organizzazzjonijiet f'dak li jikkonċerna l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u titjib fil-kwalità tal-ħajja tal-persuni b'diżabilità;

162. Jieħu nota tal-petizzjonijiet li jiddeskrivu każijiet f'xi Stati Membri ta' atti li jixirqilhom kundanna f'dak li jikkonċerna l-iżgurar tas-sussistenza tal-persuni b'diżabilità, mhux biss fir-rigward tan-nuqqas ta' ħlas tas-sussidji mogħtija bil-liġi, iżda wkoll każijiet bħal fil-Petizzjoni 1062/2014 fejn l-awtoritajiet allegatament ħadu deċiżjonijiet amministrattivi arbitrarji sabiex inaqqsu l-allokazzjonijiet mogħtija preċedentement fuq il-bażi ta' valutazzjonijiet mediċi dubjużi li jnaqqsu b'mod effikaċi l-grad ta' diżabilità; jitlob lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kkonċernati jkunu aktar sensittivi għall-implikazzjonijiet ta' tali azzjonijiet fuq ħajjet l-individwi affettwati u l-familji tagħhom, u jitlob li l-Kummissjoni timmonitorja bir-reqqa d-diversi politiki u miżuri relatati dwar id-diżabilitajiet li huma implimentati fl-Istati Membri differenti;

163. Jinnota li xi Stati Membri li rratifikaw is-CRPD għadhom iridu jistabbilixxu jew jinnominaw il-korpi għall-implimentazzjoni u s-sorveljanza tal-Konvenzjoni, kif mitlub skont l-Artikolu 33; jinnota li l-ħidma ta' dawk il-korpi diġà stabbiliti, b'mod partikolari l-oqfsa ta' sorveljanza stabbiliti skont l-Artikolu 33(2), hija imxekkla minn nuqqas ta' riżorsi finanzjarji u umani u min-nuqqas għalkollox ta' bażi ġuridika solida għan-nomina tagħhom;

164. Iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jallokaw lill-oqfsa ta' sorveljanza stabbiliti skont l-Artikolu 33(2) riżorsi finanzjarji u umani suffiċjenti u stabbli biex jaqdu l-funzjonijiet tagħhom; iqis li huma għandhom ukoll jiggarantixxu l-indipendenza tal-oqfsa ta' sorveljanza billi jiżguraw li l-kompożizzjoni u l-funzjonament tagħhom iqisu il-Prinċipji ta' Pariġi dwar il-funzjonament tal-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, kif meħtieġ skont l-Artikolu 33(2) – dan ikun appoġġat bit-twaqqif ta' bażi ġuridika formali, li tistabbilixxi b'mod ċar ir-rwol u l-kamp ta' applikazzjoni tal-oqfsa; iħeġġeġ lil dawk l-Istati Membri li għad iridu jaħtru korpi skont l-Artikolu 33 jagħmlu dan mill-iktar fis possibbli u jagħtuhom ir-riżorsi u l-mandati sabiex ikunu jistgħu jimplimentaw u jissorveljaw l-obbligi tagħhom skont il-CRPD b'mod effikaċi;

165. Jenfasizza li n-netwerk CRPD jeħtieġ li jissaħħaħ biex jikkoordina b'mod adegwat l-implimentazzjoni interna, iżda anki interistituzzjonali tas-CRPD, filwaqt li jinvolvi b'mod attiv u jikkonsulta mill-qrib lill-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom fl-attivitajiet u l-laqgħat tiegħu;

166. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi kollha tal-UE biex jiġu stabbiliti punti fokali, u jenfasizza l-ħtieġa ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni interistituzzjonali orizzontali fid-Direttorati Ġenerali u l-istituzzjonijiet tal-UE; jitlob li l-arranġamenti meħtieġa jagħmlu parti minn strateġija dwar l-implimentazzjoni tas-CRPD;

167. Jitlob li jissaħħaħ il-koordinament interistituzzjonali bejn il-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni tal-istituzzjonijiet differenti tal-UE;

***Il-konformità tal-istituzzjonijiet tal-UE mal-Konvenzjoni (bħala amministrazzjonijiet pubbliċi)***

168. Iqis li huwa importanti li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jorganizza avvenimenti mmirati li jiffokaw fuq il-petizzjonijiet relatati mad-diżabilitajiet, u jenfasizza r-rwol importanti tad-djalogu b'kontribut minn diversi partijiet konċernati, inklużi kumitati rilevanti oħra tal-Parlament Ewropew, membri tal-Qafas tal-UE għall-Konvenzjoni tas-CRPD, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità u l-akkademiċi;

169. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li s-seduta pubblika "Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, mill-perspettiva tal-petizzjonijiet mibgħuta", li ġiet organizzata mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-15 ta' Ottubru 2015, laħqet standards għolja ta' aċċessibilità, u jirrakkomanda li fil-futur, il-laqgħat kollha tal-kumitati tal-Parlament ikunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità;

170. Jilqa' l-użu tal-Braille fil-komunikazzjoni mal-petizzjonanti, u jħeġġeġ lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE jużaw il-lingwa tas-sinjali, formati faċli biex jinqraw u l-Braille fil-komunikazzjoni tagħhom maċ-ċittadini sabiex iżommu u jsaħħu l-isforzi għall-inklużjoni taċ-ċittadini fil-ħidma tal-istituzzjonijiet u fil-proġett Ewropew;

171. Jitlob lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jiggarantixxu li l-opportunitajiet ta' parteċipazzjoni fil-proċeduri ta' konsultazzjoni pubblika jiġu rreklamati b'mod effikaċi u wiesa' permezz ta' komunikazzjonijiet li jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità li jużaw lingwi bħall-Braille u verżjonijiet Easy Read;

172. Jitlob lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet jiżguraw li l-opportunitajiet ta' parteċipazzjoni fil-proċessi ta' konsultazzjoni jiġu pubbliċizzati b'mod ċar u wiesa' bl-użu ta' komunikazzjonijiet aċċessibbli, li jkun jista' jingħata input f'formati oħra bħall-Braille u verżjonijiet Easy Read, u li s-seduti ta' smigħ pubbliku u l-laqgħat li fihom jiġu diskussi l-liġijiet u l-politiki proposti għandhom isiru aċċessibbli għalkollox għal persuni b'diżabilità, inklużi dawk b'diżabilitajiet intellettwali u relatati mat-tagħlim;

173. Jissottolinja l-ħtieġa li tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni effikaċi u l-libertà ta' espressjoni tal-persuni b'diżabilitajiet f'avvenimenti pubbliċi u laqgħat organizzati mill-istituzzjonijiet jew miżmuma fl-istabbilimenti tagħhom, bil-provvediment ta' didaskaliji u interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali, dokumenti bi stampar tal-Braille u formati li huma faċli biex jinqraw;

174. Jistieden lill-Bord tal-Gvernaturi tal-Iskejjel Ewropej, inkluża l-Kummissjoni, biex jiżguraw edukazzjoni ta' kwalità inklużiva fl-Iskejjel Ewropej skont ir-rekwiżiti tas-CRPD fir-rigward ta' valutazzjonijiet multidixxiplinari, l-inklużjoni ta' tfal b'diżabilitajiet, u l-għoti ta' akkomodazzjoni raġonevoli, filwaqt li jiġu ggarantiti l-parteċipazzjoni inklużiva ta' ġenituri b'diżabilitajiet;

175. Jistieden lill-istituzzjonijiet biex jappoġġaw u jippromwovu l-ħidma tal-Aġenzija Ewropea għall-Bżonnijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva;

176. Jitlob lill-UE biex tirrevedi r-regoli tal-Iskema Konġunta tal-Assigurazzjoni għall-Mard, is-sistema tal-pensjonijiet u l-miżuri tas-sigurtà soċjali u l-protezzjoni soċjali relatati mad-diżabilitajiet, bil-għan li tiżgura n-nondiskriminazzjoni u opportunitajiet indaqs għall-persuni b'diżabilitajiet, fost l-oħrajn billi jiġu rikonoxxuti l-bżonnijiet tas-saħħa relatati mad-diżabilità bħala ħaġa distinta minn marda u biex tippromwovi l-ħajja u x-xogħol indipendenti permezz tar-rimborż sħiħ tal-ispejjeż addizzjonali tat-tagħmir jew tas-servizz li huwa meħtieġ għax-xogħol (pereżempju printer tal-Braille, hearing aids, interpretu tal-lingwa tas-sinjali, servizzi ta' didaskalija, eċċ);

177. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi jiżguraw li r-regolamenti tal-persunal jiġu implimentati b'mod sħiħ u effikaċi f'konformità mas-CRPD, u li r-regoli interni u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni jiġu żviluppati f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tas-CRPD bħala parti minn proċess miftuħ u inklużiv tal-persuni b'diżabilità, sabiex jiġu indirizzati l-Osservazzjonijiet Konklużivi;

178. Jitlob li l-persuni b'diżabilità – jew persuni li għandhom qraba dipendenti b'diżabilità – li huma fis-servizz tal-istituzzjonijiet Ewropej jingħataw akkomodazzjoni adegwata u raġonevoli bbażata fuq il-ħtiġijiet tagħhom u kompatibbli mas-CRPD, b'attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet tal-ġenituri b'diżabilità;

179. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet jadottaw politiki komprensivi ta' reklutaġġ, żamma u promozzjoni, inklużi miżuri pożittivi temporanji, biex iżidu b'mod attiv u sostanzjali l-għadd ta' uffiċjali jew persunal u trainees b'diżabilitajiet, inklużi persuni b'diżabilitajiet psikosoċjali u intellettwali f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/78/KE;

**Il-Ħamis 7 ta' Lulju 2016**

180. Jirrakkomanda li jitfasslu moduli ta' taħriġ komprensiv tas-CRPD għall-persunal, f'konsultazzjoni ma' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-persuni b'diżabilità, li jiffokaw fuq il-persunal f'kuntatt mal-pubbliku, il-ġestjoni u l-akkwist pubbliku;

181. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jagħmlu aċċessibbli l-kontenut fuq l-internet u l-apps tagħhom, inklużi l-intranets tagħhom u d-dokumenti u l-kontenut awdjoviżiv essenzjali kollha, filwaqt li jiżguraw ugwalment l-aċċessibilità fiżika tal-bini tagħhom;

182. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem mill-qrib ma' istituzzjonijiet, korpi u aġenziji oħra tal-UE, kif ukoll mal-Istati Membri, biex tikkoordina s-segwitu effikaċi u sistematiku tal-osservazzjonijiet konklużivi, possibbilment permezz ta' strateġija dwar l-implimentazzjoni tas-CRPD;

183. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jiżguraw il-konsultazzjoni u l-involviment sistematiku u strutturat tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lil persuni b'diżabilitajiet meta jimplimentaw l-osservazzjonijiet finali rispettivi tagħhom;

184. Fir-rigward tal-Artikolu 35 tas-CRPD, li jobbliga lil dawk l-Istati Membri li jkunu ffirmaw il-Konvenzjoni jissottomettu rapport inizjali u rapporti sussegwenti dwar l-implimentazzjoni tagħhom tal-Konvenzjoni, iqis li tali rapporti għandhom jitressqu kull erba' snin u li għandhom jitħejjew bil-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità.

o

o o

185. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.